ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 398

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

22 ta' Diċembru 2012

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Kunsill**

2012/C 398/01 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ........ 1

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 398/02 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li temenda l-Anness tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet bi kreditu ta' żmien qasir [1] ........ 6

MT

**Prezz:**
**EUR 3**

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**


2012/C 398/03 Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/829/PESK, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1264/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ..... 8


**Il-Kummissjoni Ewropea**


2012/C 398/04 Rata tal-kambju tal-euro ..... 9

2012/C 398/05 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.21918 (C 17/07) (ex NN 17/07) implimentata minn Franza Tariffi tal-elettriku rregolati fi Franza *(notifikata bid-dokument numru C(2012) 2559)* [1] ..... 10


V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2012/C 398/06 Sejħa għal proposti EAC/S01/13 – Programm Żgħażagħ fl-Azzjoni 2007-2013 ..... 31


PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2012/C 398/07 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6788 – Goldman Sachs/TPG/Barclays/Kew Green) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ..... 35

2012/C 398/08 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6777 – Yazaki Europe/S-Y Systems Technologies Europe) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ..... 36


MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-KUNSILL

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**tal-20 ta' Diċembru 2012**

**dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali**

(2012/C 398/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165 u 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim, jiġifieri l-konoxxenza, il-ħiliet u l-kompetenzi, li jinkisbu permezz tat-tagħlim mhux formali u informali jistgħu jkollhom rwol importanti fit-tisħiħ tal-impjegabbiltà u l-mobbiltà, kif ukoll tiżdied il-motivazzjoni għal tagħlim tul il-ħajja, partikolarment fil-każ ta' persuni żvantaġġati soċjoekonomikament jew dawk bi kwalifiki baxxi.

(2) Fi żmien meta l-Unjoni Ewropea qed taffaċċja kriżi ekonomika serja li kkawżat żieda fil-qgħad, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u fil-kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ, il-validazzjoni tal-konoxxenza, il-ħiliet u l-kompetenzi rilevanti kollha għandha kontribut iktar ta' valur x'taqdi fit-titjib tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol, fil-promozzjoni tal-mobbiltà u t-tisħiħ tal-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku.

(3) L-organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu, dawk li jħaddmu b'mod individwali, it-trade unions, il-kmamar tal-industrija, il-kummerċ u s-snajja' ta' ħila, l-entitajiet nazzjonali involuti fil-proċess tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali u fil-valutazzjoni u ċertifikazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim, is-servizzi għall-impjiegi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, il-ħaddiema żgħażagħ, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kollha huma partijiet interessati prinċipali bi rwol importanti x'jaqdu fl-iffaċilitar ta' opportunitajiet tat-tagħlim mhux formali u informali u f'kull proċess ta' validazzjoni sussegwenti.

(4) L-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv titlob l-iżvilupp tal-konoxxenza, il-ħiliet u l-kompetenzi biex jintlaħaq tkabbir ekonomiku u ta' impjiegi. L-inizjattivi ewlenin li jakkumpanjaw *iż-Żgħażagħ Attivi u l-Aġenda għal ħiliet u impjiegi Ġodda* jenfasizzaw il-bżonn ta' mezzi tat-tagħlim aktar flessibbli li jistgħu jtejbu d-dħul u l-progress fis-suq tax-xogħol, jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet bejn il-fażijiet tax-xogħol u dawk tat-tagħlim u jippromwovu l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.

(5) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) ([1]) ġie nnutat li t-tagħlim tul il-ħajja għandu jkun meqjus bħala prinċipju fundamentali li jsejjes il-qafas intier, li huwa mfassal b'tali mod li jkopri t-tagħlim fil-kuntesti kollha sew jekk formali, mhux formali jew informali.

(6) L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni; metodu miftuħ u mġedded ta' koordinazzjoni biex jindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ tal-2009 ħeġġet biex il-ħiliet miksubin minn edukazzjoni mhux formali għaż-żgħażagħ jiġu rikonoxxuti b'mod aħjar u enfasizzat il-bżonn li jsir użu sħiħ mill-firxa ta' għodod stabbiliti fil-livell tal-UE għall-validazzjoni tal-konoxxenza, ħiliet u kompetenzi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki. Din kienet appoġġata

([1]) ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.

mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018) ([1]).

(7) Fil-Communiqué ta' Bruges ta' Diċembru 2010, il-Ministri Ewropej għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, l-Imsieħba Soċjali Ewropej u l-Kummissjoni Ewropea ddikjaraw li l-pajjiżi parteċipanti għandhom jibdew jiżviluppaw, mhux aktar tard mill-2015, proċeduri nazzjonali għar-rikonoxximent u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, appoġġati kif xieraq mill-oqfsa ta' kwalifiki nazzjonali.

(8) Il-Communiqué tal-Konferenza tal-Ministri Ewropej responsabbli għall-Edukazzjoni Għolja li saret f'Leuven u Louvain-la-Neuve fit-28-29 ta' April 2009 enfasizza li l-politiki ta' suċċess għal tagħlim tul il-ħajja għandhom jinkludu prinċipji u proċeduri bażiċi għar-rikonoxximent tat-tagħlim preċedenti abbażi ta' eżiti tat-tagħlim, filwaqt li l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2011 dwar il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja ([2]) talbu lill-Istati Membri biex jiżviluppaw rotot ċari li jwasslu għall-edukazzjoni ogħla minn dik vokazzjonali tat-tagħlim minn tipi oħra ta' edukazzjoni, kif ukoll mekkaniżmi għar-rikonoxximent u esperjenzi preċedenti li jkunu nkisbu barra mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali.

(9) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2011 dwar aġenda Ewropea mġedda għat-tagħlim fost l-adulti ([3]) iddefinixxiet bħala wieħed mill-oqsma prijoritarji tagħha għall-perjodu ta' bejn l-2012 u l-2014 l-implimentazzjoni ta' sistemi li jiffunzjonaw b'mod sħiħ għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali u l-promozzjoni tal-użu tagħhom minn adulti ta' kull età u li għandhom kwalunkwe livell ta' kwalifiki, kif ukoll minn intrapriżi u organizzazzjonijiet oħra.

(10) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002 dwar il-promozzjoni ta' kooperazzjoni Ewropea mtejba fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ([4]) u d-Dikjarazzjoni ta' Kopenħagen tat-30 ta' Novembru 2002 talbu li jiġi żviluppat sett ta' prinċipji komuni fir-rigward tal-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.

(11) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, fit-18 ta' Mejju 2004, jippromwovu l-Prinċipji Komuni Ewropej għall-identifikazzjoni u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.

(12) Inventarju Ewropew dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali li jinkludi informazzjoni aġġornata dwar il-prattiki ta' validazzjoni eżistenti fil-pajjiżi Ewropej, ilu jiġi ppubblikat regolarment mill-2004, filwaqt li l-Linji gwida għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ġew ippubblikati fl-2009.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 ([5]) stabbilixxiet il-Europass, portfoljo Ewropew li jista' jintuża miċ-ċittadini biex dawn jikkomunikaw, jirreġistraw u jippreżentaw aħjar il-kompetenzi u l-kwalifiki tagħhom madwar l-Ewropa.

(14) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, fit-18 ta' Mejju 2006 dwar ir-rikonoxximent tal-valur tat-tagħlim mhux formali u informali fi ħdan il-qasam Ewropew taż-żgħażagħ ([6]), stiednet lill-Istati Membri biex jippermettu l-identifikazzjoni ta' kompetenzi miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali u informali, bil-għan li jiġu rrikonoxxuti fis-suq tax-xogħol.

(15) Il-Youthpass inħolqot bħala għodda għat-trasparenza għall-parteċipanti fi proġetti ffinanzjati mill-Programm 'Żgħażagħ fl-Azzjoni' mwaqqaf mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill bid-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE ([7]).

(16) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-Ħajja ([8]) stiednet lill-Istati Membri biex jorbtu l-livelli tal-kwalifiki nazzjonali tagħhom mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u biex jippromwovu l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali f'konformità mal-Prinċipji Komuni Ewropej miftehmin f'Mejju 2004.

(17) Is-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS) imwaqqfa fl-1989 fi ħdan il-qafas tal-Programm Erasmus tagħti krediti għal tagħlim formali bbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim u x-xogħol li jagħmlu l-istudenti, u tiffaċilita wkoll l-għoti minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja ta' krediti bbażati fuq l-eżiti mit-tagħlim minn esperjenzi tat-tagħlim mhux formali u informali.

(18) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali ([9]) ddikjarat li dak il-Qafas għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Komuni Ewropej għall-identifikazzjoni u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, it-titjib tar-relazzjoni bejn it-tagħlim, it-taħriġ u l-impjieg, u għar-rabta bejn it-tagħlim formali, it-tagħlim mhux formali u dak informali.

([1]) ĠU C 311, 19.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU C 372, 20.12.2011, p. 36.
([3]) ĠU C 372, 20.12.2011, p. 1
([4]) ĠU C 13, 18.1.2003, p. 2.
([5]) ĠU L 390, 31.12.2004, p. 6.
([6]) ĠU C 168, 20.7.2006, p. 1.
([7]) ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30.
([8]) ĠU C 111, 6.5.2008, p.1.
([9]) ĠU C 155, 8.7.2009, p. 1.

(19) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 ([1]) stabbilixxiet Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) sabiex tintuża għat-trasferiment u l-akkumulazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim tal-individwi, minn kuntesti formali u, fejn xieraq, mhux formali u informali.

(20) Il-konsultazzjonijiet f'forma ta' stħarriġ online, id-diskussjonijiet fil-korpi politiċi rilevanti kif ukoll l-għadd ta' attivitajiet tat-tagħlim bejn il-pari li jinvolvu l-imsieħba soċjali, jindikaw kunsens prevalenti fir-rigward tal-importanza li l-konoxxenza, il-ħiliet u l-kompetenzi miksubin minn esperjenzi tal-ħajja u tax-xogħol isiru viżibbli u juru appoġġ wiesa' għal inizjattiva tal-Unjoni biex ittejjeb il-politika u l-prattika tal-validazzjoni fl-Istati Membri,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. L-ISTATI MEMBRI GĦANDHOM, BIL-GĦAN LI JOFFRU LILL-INDIVIDWI L-OPPORTUNITÀ LI JURU X'TAGĦLLMU BARRA L-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ FORMALI – ANKE PERMEZZ TA' ESPERJENZI TA' MOBBILTÀ – U LI JAGĦMLU UŻU MINN DAK IT-TAGĦLIM GĦALL-KARRIERI TAGĦHOM U T-TAGĦLIM ULTERJURI, U B'DILIĠENZA DOVUTA GĦALL-PRINĊIPJU TA' SUSSIDJARJETÀ:

(1) Ikollhom fis-seħħ, mhux iktar tard mill-2018, f'konformità ma' ċirkostanzi u speċifiċitajiet nazzjonali, u kif iqisu li hu xieraq, arranġamenti għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali li jippermetti lill-individwi li:

(a) jkollhom konoxxenza, ħiliet u kompetenzi li nkisbu permezz tat-tagħlim mhux formali u informali validati, inkluż - fejn applikabbli - permezz ta' riżorsi edukattivi miftuħin;

(b) jiksbu kwalifika sħiħa jew, fejn applikabbli, kwalifika parzjali, abbażi ta' esperjenzi tat-tagħlim mhux formali u informali validati, mingħajr ħsara għal liġijiet oħra tal-Unjoni applikabbli, partikolarment id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali ([2]).

L-Istati Membri jistgħu jagħtu prijorità lil xi oqsma u/jew setturi fi ħdan l-arranġamenti ta' validazzjoni tagħhom f'konformità mal-bżonnijiet tagħhom.

(2) Jinkludu, kif xieraq, l-elementi li ġejjin f'arranġamenti għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, filwaqt li jippermettu lil kull individwu li jieħu vantaġġ minn kwalunkwe wieħed minn dawn, kemm separatament jew flimkien ma', f'konformità mal-ħtiġijiet tiegħu/tagħha:

(a) IDENTIFIKAZZJONI tal-eżiti tat-tagħlim ta' individwu miksubin minn tagħlim mhux formali u informali;

(b) DOKUMENTAZZJONI tal-eżiti tat-tagħlim ta' individwu miksubin minn tagħlim mhux formali u informali;

(c) VALUTAZZJONI tal-eżiti tat-tagħlim ta' individwu miksubin minn tagħlim mhux formali u informali;

(d) ĊERTIFIKAZZJONI tal-eżiti tal-valutazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim tal-individwu miksubin permezz tat-tagħlim mhux formali u informali f'forma ta' kwalifika, jew krediti li jwasslu għal kwalifika, jew f'xi forma oħra meqjusa xierqa.

(3) Japplikaw, kif xieraq, il-prinċipji li ġejjin f'arranġamenti għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, filwaqt li jitqiesu bżonnijiet u karatteristiċi nazzjonali, reġjonali u/jew lokali kif ukoll dawk settorjali:

(a) L-arranġamenti ta' validazzjoni huma marbuta ma' oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki u huma konformi mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki;

(b) Informazzjoni u gwida dwar il-benefiċċji tal-validazzjoni, u l-opportunitajiet għaliha, kif ukoll dwar il-proċeduri rilevanti, huma disponibbli għall-individwi u l-organizzazzjonijiet;

(c) Gruppi żvantaġġati, inklużi individwi li huma qiegħda u dawk fir-riskju ta' qgħad, x'aktarx li partikolarment jibbenefikaw mill-arraġamenti ta' validazzjoni, peress li l-validazzjoni tista' żżid il-parteċipazzjoni tagħhom fit-tagħlim tul il-ħajja u l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol;

(d) Individwi li huma qiegħda jew f'riskju ta' qgħad għandhom l-opportunità - f'konformità mal-leġislazzjoni u l-ispeċifiċitajiet nazzjonali - li jagħmlu 'verifika tal-ħiliet' immirata li tidentifika l-konoxxenza, il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom fi ħdan perijodu ta' żmien raġonevoli, idealment fi żmien sitt xhur ta' bżonn identifikat;

(e) Il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali tkun appoġġata minn gwida adegwata u għoti ta' pariri xierqa u tkun aċċessibbli b'mod immedjat;

(f) Ikun hemm fis-seħħ miżuri trasparenti ta' kwalità konformi ma' oqfsa eżistenti li jiżguraw il-kwalità u li jappoġġaw metodoloġiji u għodod ta' valutazzjoni li jkunu affidabbli, validi u kredibbli;

(g) Saret dispożizzjoni għall-iżvilupp ta' kompetenzi professjonali tal-persunal involut fil-proċess ta' validazzjoni fis-setturi rilevanti kollha;

(h) Kwalifiki jew, fejn applikabbli, partijiet ta' kwalifiki miksuba permezz tal-validazzjoni ta' esperjenzi tat-tagħlim mhux formali u informali huma konformi mal-istandards miftiehma li jkunu l-istess bħal, jew ekwivalenti għal, l-istandards għall-kwalifiki miksubin permezz ta' programmi edukattivi formali;

(i) Jiġi promoss l-użu ta' għodod tal-Unjoni għat-trasparenza, bħall-qafas tal-Europass u l-Youthpass, sabiex tiġi ffaċilitata d-dokumentazzjoni tal-eżisti tat-tagħlim;

([1]) ĠU C 155, 8.7.2009, p. 11.
([2]) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

(j) Ikun hemm sinerġiji bejn l-arranġamenti ta' validazzjoni u s-sistemi ta' krediti applikabbli fis-sistema ta' edukazzjoni u taħriġ formali, bħall-ECTS u l-ECVET;

(4) Jippromwovu l-involviment fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-elementi u prinċipji msemmija fil-punti (1) sa (4) tal-partijiet interessati rilevanti kollha, bħal dawk li jħaddmu, it-trade unions, il-kmamar tal-industrija, il-kummerċ u s-snajja' ta' ħila, l-entitajiet nazzjonali involuti fil-proċess tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, is-servizzi għall-impjiegi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, il-ħaddiema maż-żgħażagħ u l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni f'dan il-proċess:

(a) dawk li jħaddmu, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jippromwovu u jiffaċilitaw l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim miksuba waqt ix-xogħol jew waqt attivitajiet volontarji, bl-użu tal-għodod rilevanti tal-Unjoni ta' trasparenza bħal dawk żviluppati skont il-qafas tal-Europass u l-Youthpass;

(b) fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ formali abbażi tal-eżiti tat-tagħlim f'kuntesti mhux formali u informali u, jekk ikun xieraq u possibbli, l-għoti ta' eżenzjonijiet u/jew krediti għal eżiti rilevanti tat-tagħlim miksubin f'tali kuntesti;

(5) Jippromwovu l-koordinazzjoni dwar arranġamenti ta' validazzjoni bejn il-partijiet interessari fis-setturi tal-edukazzjoni, it-taħriġ, l-impjieg u ż-żgħażagħ, kif ukoll bejn dawk f'oqsma ta' politika oħra rilevanti.

2. L-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI GĦANDHOM JIEĦDU L-MIŻURI LI ĠEJJIN:

(a) Isegwu din ir-Rakkomandazzjoni permezz tal-Grupp Konsultattiv dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki stabbilit permezz tar-Rakkomandazzjoni Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja [1] (QEK) u jinvolvu, kif xieraq, organizzazzjonijiet u taż-żgħażagħ rilevanti u rappreżentanti tas-settur volontarju f'attivitajiet sussegwenti tal-Grupp Konsultattiv dwar il-QEK;

(b) Jirrapportaw dwar il-progress li jkun sar wara l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f'Rapporti Konġunti futuri mill-Kunsill u l-Kummissjoni skont il-qafas strateġiku "ET2020" u fir-Rapporti Konġunti futuri tal-Unjoni Ewropea dwar iż-Żgħażagħ skont il-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ;

(c) Jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni billi jużaw il-ħiliet tal-Aġenziji tal-Unjoni, b'mod partikolari is-Cedefop, u billi jirrapportaw dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tal-validazzjoni tal-eżiti mhux formali u informali fir-rapport annwali dwar l-iżvilupp tal-Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki.

3. IL-KUMMISSJONI GĦANDHOM JIEĦDU L-MIŻURI LI ĠEJJIN:

(a) Tappoġġa lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati billi:

— jiffaċilitaw it-tagħlim effettiv bejn il-pari u l-iskambji tal-esperjenza u l-prattika tajba;

— jagħmlu rieżami regolari tal-Linji gwida Ewropej għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, b'konsultazzjoni sħiħa mal-Istati Membri;

— jagħmlu rieżami regolari tal-Inventarju Ewropew dwar il-validazzjoni tal-eżiti mhux formali u informali, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

(b) Qabel l-2018, tqis li tiżviluppa iktar, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, kif speċifikat fid-Deċiżjoni Europass 2004, strumenti, skont il-Qafas Europass, li jiffaċilitaw it-trasparenza u madwar l-Unjoni tal-eżiti tat-tagħlim validati li jkunu nkisbu minn esperjenzi ta' tagħlim mhux formali u informali;

(c) Tiżgura li, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-Programmi Tagħlim tul il-Ħajja u Żgħażagħ fl-Azzjoni u, mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, il-programm Ewropew futur għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u l-Fondi Strutturali Ewropej jintużaw biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

(d) Tivvaluta u tevalwa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati kkonċernati, l-azzjoni meħuda bħala segwitu għal din ir-Rakkomandazzjoni, u tirrapporta lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2019 dwar l-esperjenza miksuba u l-implikazzjonijiet għall-futur inkluża, jekk ikun meħtieġ, ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
E. FLOURENTZOU

[1] ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1.

*ANNESS*

**DEFINIZZJONIJIET**

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) *Tagħlim formali* tfisser tagħlim li jsir f'ambjent organizzat u strutturat, speċifikament dedikat għat-tagħlim u tipikament iwassal għall-għoti ta' kwalifika, ġeneralment f'forma ta' ċertifikat jew diploma; dan jinkludi sistemi tal-edukazzjoni ġenerali, it-taħriġ vokazzjonali tal-bidu u l-edukazzjoni għolja;

(b) *Tagħlim mhux formali* tfisser tagħlim li jsir permezz ta' attivitajiet pjanati (f'termini ta' għanijiet tat-tagħlim, żmien tat-tagħlim) fejn ikun hemm xi forma ta' appoġġ għat-tagħlim (pereżempju, relazzjonijiet bejn l-istudenti u l-għalliema); dan jista' jkopri programmi li jrawmu l-ħiliet tax-xogħol, il-litteriżmu fost l-adulti u l-edukazzjoni bażika għal min jitlaq kmieni mill-iskola; każijiet tassew komuni tat-tagħlim mhux formali jinkludu taħriġ ma' kumpanija, li permezz tiegħu l-kumpaniji jaġġornaw u jtejbu l-ħiliet tal-ħaddiema tagħhom bħall-ħiliet fl-ICT, tagħlim strutturat online (pereżempju permezz tal-użu ta' riżorsi edukattivi miftuħin), u korsijiet organizzati mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għall-membri tagħhom, il-grupp fil-mira tagħhom jew il-pubbliku ġenerali;

(c) *Tagħlim informali* tfisser tagħlim li jirriżulta mill-attivitajiet ta' kuljum relatati max-xogħol, il-ħajja tal-familja jew iż-żmien ta' mistrieħ u li ma jkunx organizzat jew strutturat f'termini ta' għanijiet, ħin jew appoġġ; dan jista' jkun mhux intenzjonat mill-perspettiva ta' min ikun qed jitgħallem; xi eżempji ta' eżiti tat-tagħlim miksubin permezz tat-tagħlim informali, huma l-ħiliet miksubin mill-esperjenzi tal-ħajja u tax-xogħol, ħiliet fil-ġestjoni tal-proġetti jew ħiliet fl-ICT miksubin waqt ix-xogħol, lingwi mitgħallma u ħiliet interkulturali miksubin waqt żjara f'pajjiż ieħor, ħiliet tal-ICT miksubin barra mix-xogħol, ħiliet miksubin mill-volontarjat, minn attivatijiet kulturali, mill-isport, mix-xogħol maż-żgħażagħ u permezz ta' attivitajiet id-dar (pereżempju, tieħu ħsieb tifel/tifla);

(d) *Riżorsi edukattivi miftuħa* (OER) tfisser materjal diġitizzat offrut b'xejn u b'mod miftuħ għall-użu tal-għalliema, l-istudenti u dawk li jitgħallmu waħidhom u li jista' jintuża mill-ġdid għat-tagħlim u r-riċerka; huwa jinkludi kontenut ta' tagħlim, għodod ta' software għall-iżvilupp, użu u distribuzzjoni ta' kontenut, u riżorsi ta' implimentazzjoni bħal liċenzji miftuħa; OER tirriferi wkoll għal assi diġitali akkumulati li jistgħu jiġu aġġustati u li jipprovdu benefiċċji mingħajr ma jiġu ristretti l-possibbiltajiet li oħrajn igawduhom;

(e) *Verifika tal-ħiliet* tfisser proċess immirat għall-identifikazzjoni u l-analiżi tal-konoxxenza, il-ħiliet u l-kompetenzi ta' individwu, inklużi l-kapaċitajiet u l-motivazzjonijiet tiegħu/tagħha sabiex jiġi definit proġett għall-karriera u/jew tiġi ppjanata orjentazzjoni mill-ġdid professjonali jew proġett ta' taħriġ; il-mira ta' verifika tal-ħiliet hi li tgħin lill-individwu janalizza l-isfond tal-karriera tiegħu/tagħha, tagħmel awtovalutazzjoni tal-pożizzjoni tiegħu/tagħha fl-ambjent tax-xogħol u tippjana passaġġ tal-karriera jew f'xi każijiet thejji għall-validazzjoni tal-eżiti mhux formali jew informali;

(f) *Kwalifika* tfisser l-eżitu formali ta' proċess ta' valutazzjoni u ta' validazzjoni li jinkiseb meta korp kompetenti jiddetermina li individwu jkun kiseb l-eżiti tat-tagħlim sal-livelli preskritti;

(g) *Eżiti tat-tagħlim* tfisser dikjarazzjonijiet dwar dak li jaf, jifhem u dak li huwa kapaċi jwettaq dak li qiegħed jitgħallem fi tmiem il-proċess tat-tagħlim u li huma definiti f'termini ta' konoxxenza, ħiliet u kompetenzi;

(h) *Qafas nazzjonali tal-kwalifiki* tfisser strument għall-klassifikazzjoni tal-kwalifiki skont sett ta' kriterji għal-livelli speċifikati ta' tagħlim miksub, li jkollu l-għan li jintegra u jikkoordina s-sub-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki u jtejjeb it-trasparenza, l-aċċess, il-progress u l-kwalità tal-kwalifiki f'relazzjoni mas-suq tax-xogħol u s-soċjetà ċivili;

(i) *Validazzjoni* tfisser proċess ta' konferma minn korp awtorizzat li individwu jkun kiseb eżiti tat-tagħlim li jistgħu jitqabblu ma' standard rilevanti u tikkonsisti mill-erba' fażijiet distinti li ġejjin:

(1) IDENTIFIKAZZJONI permezz ta' djalogu tal-esperjenzi partikolari ta' individwu,

(2) DOKUMENTAZZJONI – biex l-esperjenzi tal-individwu jkunu viżibbli,

(3) VALUTAZZJONI formali ta' dawn l-esperjenzi u

(4) ĊERTIFIKAZZJONI tar-riżultati tal-valutazzjoni li jistgħu jwasslu għal kwalifika parzjali jew sħiħa.

(j) *Rikonoxximent ta' tagħlim preċedenti* tfisser il-validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim, kemm jekk minn edukazzjoni formali jew mhux formali jew minn tagħlim informali, miksuba qabel it-talba għall-validazzjoni.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li temenda l-Anness tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet bi kreditu ta' żmien qasir

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 398/02)

### I. DAĦLA

(1) Il-Komunikazzjoni l-ġdida mill-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni għal perjodu qasir [1] (il-Komunikazzjoni) tistipula,, fil-punt 13, li l-assigurati tal-Istat [2] li għandhom ċerti vantaġġi meta mqabbla ma' assiguraturi tal-kreditu privati, ma jistgħux jipprovdu assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet bi kreditu ta' żmien qasir għal riskji kummerċjabbli. Ir-riskji kummerċjabbli huma definiti fil-punt 9 bħala riskji kummerċjali u politiċi b'perjodu massimu ta' riskju ta' anqas minn sentejn, fuq xerrejja pubbliċi u mhux pubbliċi fil-pajjiżi elenkati fl-Anness ta' dik il-Komunikazzjoni.

(2) Bħala konsegwenza tal-qagħda diffiċli fil-Greċja, fl-2011 ġie osservat nuqqas ta' kapaċità ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jkopru l-esportazzjonijiet lejn il-Greċja. Dan wassal lill-Kummissjoni sabiex temenda l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri skont l-Artikolu 93(1) tat-Trattat tal-KE li japplika l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat għall-assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet bi kreditu ta' żmien qasir, li kien fis-seħħ dak iż-żmien, billi temporanjament neħħiet lill-Greċja mil-lista ta' pajjiżi b'riskji kummerċjabbli [3]. Din il-modifika tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012. B'konsegwenza ta' dan, mill-1 ta' Jannar 2013 'il quddiem il-Greċja tkun fil-prinċipju kkunsidrata bħala kummerċjabbli, peress li l-Istati Membri kollha tal-UE huma inklużi fil-lista ta' pajjiżi kummerċjabbli elenkati fl-Anness tal-Komunikazzjoni l-ġdida, li tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.

(3) Madankollu, it-taqsima 5.2. tal-Komunikazzjoni, li tipprovdi għal proċedura speċifika għall-possibiltà tal-modifika tal-lista ta' pajjiżi b'riskju kummerċjabbli, tapplika mid-data tal-adozzjoni tal-Komunikazzjoni, jiġifieri s-6 ta' Diċembru 2012. Minħabba s-sitwazzjoni diffiċli fil-Greċja, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħmel użu minn din il-proċedura sabiex jiġi ddeterminat jekk il-qagħda attwali tas-suq tiġġustifikax l-iskadenza tat-tneħħija tal-Greċja mil-lista ta' pajjiżi b'riskju kummerċjabbli fl-2013, jew jekk tkunx meħtieġa estenzjoni.

### II. VALUTAZZJONI

(4) Meta jiġi determinat jekk in-nuqqas ta' kapaċità privata suffiċjenti biex tkopri r-riskji kollha ekonomikament ġustifikabbli jkunx jiġġustifika l-estenzjoni tat-tneħħija temporanja tal-Greċja mil-lista ta' pajjiżi b'riskju kummerċjabbli, il-Kummissjoni kkonsultat mal-Istati Membri, mal-assiguraturi tal-kreditu privati u mal-partijiet oħra interessati, u talbet għal informazzjoni minn għandhom. Il-Kummissjoni ppubblikat talba għall-informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet bi kreditu ta' żmien qasir għall-esportazzjonijiet lejn il-Greċja fis-6 ta' Novembru 2012 [4]. Iż-żmien għat-tweġibiet skada fit-23 ta' Novembru 2012. Waslu 25 tweġiba mingħand l-Istati Membri, l-assiguraturi privati u l-esportaturi.

(5) L-informazzjoni preżentata lill-Kummissjoni tindika biċ-ċar li l-kapaċità privata tal-assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet bi kreditu għall-Greċja għadna mhix biżżejjed u li mhi prevista l-ebda kapaċità ġdida fil-futur qrib. Il-fatturat totali assigurat għal riskji Griegi naqas b'mod sinifikanti fl-2011/2012. Il-limiti ta' assigurazzjoni ġdida ta' kreditu fuq riskji Griegi ftit

[1] ĠU C 392, 19.12.2012, p. 1.

[2] Assigurat tal-Istat tfisser kumpanija jew organizzazzjoni oħra li tipprovdi assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni bl-appoġġ ta' Stat Membru jew f'ismu, jew Stat Membru li jipprovdi assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, ara punt 9.

[3] ĠU C 117, 21.4.2012, p. 1.

[4] http://ec.europa.eu/competition/consultations/2012_export_greece/index_en.html

li xejn huma disponibbli u l-limiti eżistenti tnaqqsu jew ġew ikkanċellati. Fl-istess ħin, l-assiguraturi tal-Istat irreġistraw tkabbir fid-domanda għall-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjonijiet lejn il-Greċja bħala riżultat tan-nuqqas tad-disponibbiltà tal-assigurazzjoni privata.

(6) Minn mindu l-Kummissjoni ħadet id-deċiżjoni li tneħħi b'mod temporanju lill-Greċja mil-lista ta' pajjiżi kummerċjabbli f'April tal-2012 ([5]), il-kapaċità privata saret aktar ristretta. L-ebda sottomissjoni ma kkunsidrat li se jkun hemm biżżejjed kapaċità privata disponibbli fl-2013. L-analiżi tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet privata bi kreditu suffiċjenti għall-Greċja, kif stabbilita f'dik id-Deċiżjoni, tibqa' valida.

(7) Il-perspettiva ekonomika għall-Greċja ilha tiġi rreveduta 'l isfel kontinwament minn April li għadda. Skont il-Previżjoni Ekonomika Ewropea Ħarifa 2012, l-ekonomija Griega għadha f'riċessjoni qawwija. Il-kontrazzjoni tat-tkabbir ekonomiku mistennija tibqa' sejra anki fl-2013 ([6]). L-ambjent ekonomiku, li qed ikompli jiddeterjora, huwa rifless fil-klassifikazzjonijiet tar-riskji sovrani ([7]). L-impatt fuq in-negozji Griegi huwa sever u l-każijiet ta' insolvenza tan-negozji huma sinifikanti ([8]). Din is-sitwazzjoni mistennija tkompli fl-2013.

(8) Għal dawk ir-raġunijiet, fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura, il-Kummissjoni stabbiliet li hemm nuqqas ta' kapaċità privata suffiċjenti sabiex tkopri r-riskji ekonomikament ġustifikabbli kollha u ddeċidiet li ttawwal it-tneħħija tal-Greċja mil-lista ta' pajjiżi b'riskji kummerċjabbli.

## III. EMENDA GĦALL-KOMUNIKAZZJONI

(9) L-emendi li ġejjin għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet bi kreditu ta' żmien qasir se japplikaw mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013:

— L-Anness jinbidel b'dan li ġej:

"**Lista ta' Pajjiżi b'Riskju Kummerċjabbli**

L-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni tal-Greċja

L-Awstralja

Il-Kanada

L-Islanda

Il-Ġappun

New Zealand

In-Norveġja

L-Isvizzera

L-Istati Uniti tal-Amerika"

---

([5]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 3.

([6]) Il-Kummissjoni Ewropea, il-Previżjoni Ekonomika Ewropea – Ħarifa 2012, l-Ekonomija Ewropea 7/2012, p. 66.

([7]) Pereżempju, Moody's: C (debitur ikun naqas li jħallas wieħed jew aktar mill-obbligi finanzjarji tiegħu (klassifikati jew mhux ikklassifikati) meta saru dovuti), S&P: CCC, Fitch: CCC (debitur huwa preżentament vulnerabbli u dipendenti fuq kundizzjonijiet ekonomiċi favorevoli biex jirrispetta l-impenji tiegħu).

([8]) Il-każijiet ta' insolvenza tan-megozji żdied għal 30 % sena wara sena fl-2010 u l-2011 (l-aġġornament tar-riskju tal-pajjiż Atradius, il-Greċja, 10 ta' Lulju, 2012.) u huma mistennija jiżdiedu iktar fl-2012 u l-2013 (Euler Hermes Economic Outlook Nru 1186).

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/829/PESK, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1264/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

(2012/C 398/03)

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

L-informazzjoni segwenti qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/829/PESK ([1]), u fl-Anness IX għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1264/2012 ([2]) dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Annessi msemmijin hawn fuq għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2010/413/PESK u fir-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran. Ir-raġunijiet għan-nomini ta' dawk il-persuni u l-entitajiet jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Tinġibed l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li japplikaw għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew Stati Membri rilevanti kif indikat fis-siti web fl-Anness X għar-Regolament (UE) Nru 267/2012, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 26 tar-Regolament).

Il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jressqu talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, li d-deċiżjoni li jiġu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq għandha terġa' tiġi kkunsidrata, fl-indirizz segwenti:

Council of the European Union
General Secretariat
DG C — Coordination Unit
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet kkonċernati anke għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, konformement mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275(2) u l-Artikolu 263(4) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

([1]) ĠU L 356, 22.12.2012, p. 71.
([2]) ĠU L 356, 22.12.2012, p. 55.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro [1]
## Il-21 ta' Diċembru 2012
(2012/C 398/04)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3209 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,2662 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 110,99 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3090 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4612 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,2371 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,81420 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6029 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,5945 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6126 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2077 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 421,45 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 11,3067 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,3155 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,2311 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,5370 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,189 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 758,09 |
| HUF | Forint Ungeriż | 287,20 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,0430 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 54,300 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,6964 | RUB | Rouble Russu | 40,5950 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,0645 | THB | Baht Tajlandiż | 40,459 |
| RON | Leu Rumen | 4,4473 | BRL | Real Brażiljan | 2,7360 |
| TRY | Lira Turka | 2,3709 | MXN | Peso Messikan | 17,0072 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 72,7490 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-12 ta' Ġunju 2012

## dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.21918 (C 17/07) (ex NN 17/07) implimentata minn Franza Tariffi tal-elettriku rregolati fi Franza

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 2559)*

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 398/05)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu ([1]),

wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom skont dawk l-Artikoli ([2]) u wara li kkunsidrat dawn l-osservazzjonijiet,

billi:

### I. PROĊEDURA

(1) Permezz ta' ittra tat-13 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni infurmat lil Franza bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE fir-rigward tat-"tariffi rregolati tal-bejgħ tal-elettriku" (minn issa 'l quddiem imsejħa "tariffi standard") u t-"tariffi rregolati tranżizzjonali tal-aġġustament tas-suq" (minn issa 'l quddiem imsejħa "tariffi ta' ritorn"), it-tnejn li huma bit-tipa safra u ħadra tagħhom, fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom mill-1 ta' Lulju 2004 għall-klijenti mhux residenzjali li ma jkunux intrapriżi żgħar. Ir-regoli u t-tariffi applikabbli għall-klijenti residenzjali u għall-intrapriżi ż-żgħar (tariffi "blu") mhumiex koperti minn din il-proċedura.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-għajnuna inkwistjoni.

(3) Il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet dwar dan is-suġġett min-naħa tal-partijiet interessati. Din bagħtithom lil Franza filwaqt li tatha l-possibbiltà li tikkummenta dwarhom, u rċeviet il-kummenti tagħha permezz tal-ittra tal-31 ta' Jannar 2008.

(4) Fil-qafas tal-investigazzjoni tagħha tal-miżuri inkwistjoni, il-Kummissjoni saret konxja tal-Artikolu 166 tal-Liġi Nru 2008-776 tal-4 ta' Awwissu 2008 ([4]), li daħal fis-seħħ fis-6 ta' Awwissu 2008. Din il-miżura emendat l-Artikolu 30-1 tal-Liġi Nru 2004-803 tad-9 ta' Awwissu 2004 ([5]) kif emendata, li stabbiliet is-sistema ta' tariffi ta' ritorn.

(5) Permezz ta' ittra tal-10 ta' Marzu 2009, il-Kummissjoni infurmat lil Franza bid-deċiżjoni tagħha li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' investigazzjoni formali ([6]) għas-sistema ta' tariffi ta' ritorn kif tirriżulta mill-emendi introdotti mill-Artikolu 166 tal-Liġi Nru 2008-776. Il-Kummissjoni fil-fatt kienet tqis li s-sistema ta' tariffi ta' ritorn bit-tipa ħadra u safra tagħha, kif emendata mill-Artikolu 166 tal-Liġi Nru 2008-776, kienet għadha tinvolvi għajnuna mill-Istat favur il-konsumaturi finali mhux residenzjali li ma jkunux intrapriżi żgħar, kif kien il-każ anke qabel l-emenda.

(6) Franza ppreżentat osservazzjonijiet dwar l-estensjoni tal-proċedura tas-16 ta' April 2009 kif ukoll kummenti dwar l-osservazzjonijiet ta' partijiet terzi tal-21 ta' Ottubru 2009.

(7) Fil-15 ta' Settembru 2009, il-Prim Ministru Franċiż informa lill-Kummissarji responsabbli mill-kompetizzjoni u mill-enerġija, dwar l-impenji li Franza kienet lesta tieħu fil-kuntest ta' din il-proċedura. Permezz ta' ittra tal-istess jum, il-Kummissarji responsabbli bagħtu t-tweġiba tagħhom.

(8) Fit-12 ta' Jannar 2012, il-Prim Ministru Franċiż informa lill-Kummissarji responsabbli mill-kompetizzjoni u l-enerġija, dwar l-impenji addizzjonali li Franza kienet lesta tieħu fil-kuntest ta' din il-proċedura. Permezz ta' ittra tal-istess jum, il-Kummissarji responsabbli bagħtu t-tweġiba tagħhom.

### II. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-GĦAJNUNA

(9) Din it-taqsima tiddeskrivi l-istrument leġiżlattiv u regolamentari applikabbli għaż-żewġ sistemi ta' tariffi rregolati soġġetti għal din il-proċedura, il-metodu ta' finanzjament u l-iżvilupp ta' tariffi meta mqabbla mar-referenzi tal-prezzijiet tas-suq. Fl-aħħar nett, dan l-iżvilupp se jiġi sostitwit fil-kuntest speċifiku tas-suq Franċiż tal-elettriku u tar-riformi strutturali implimentati biex dan isir aktar kompetittiv.

---

([1]) Mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE saru l-Artikoli 107 u l-108 rispettivament tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Fiż-żewġ każijiet, id-dispożizzjonijiet huma, sostanzjalment, identiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom jinftiehmu, jekk ikun il-każ, bħala magħmula rispettivament għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE. It-TFUE introduċa wkoll xi bidliet fit-terminoloġija, bħas-sostituzzjoni ta' "Komunità" b'"Unjoni", ta' "suq komuni" b'"suq intern" u ta' "Qorti tal-Prim'Istanza" b'"Qorti Ġenerali". F'din id-Deċiżjoni tintuża t-terminoloġija tat-TFUE.

([2]) ĠU C 164, 18.7.2007, p. 9 u ĠU C 96, 25.4.2009, p. 18.

([3]) ĠU C 164, 18.7.2007, p. 9.

([4]) JORF Nru 181, 5.8.2008, p. 12471.

([5]) JORF Nru 185, 11.8.2004, p. 14256.

([6]) ĠU C 96, 25.4.2009, p. 18.

(10) F'din id-deċiżjoni, il-miżuri ta' tariffi soġġetti għal din il-proċedura se jiġu deskritti fl-aspetti essenzjali tagħhom. Fir-rigward tad-dettalji u r-referenzi tal-pubblikazzjoni tat-testi regolamentari li jirregolawhom, qed issir referenza għad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali u għad-deċiżjoni ta' estensjoni ta' dik il-proċedura.

*Strument leġiżlattiv applikabbli għat-tariffi rregolati tal-bejgħ tal-elettriku fi Franza u għall-eliġibbiltà tal-klijenti*

(11) Il-funzjonament tas-settur tal-elettriku fi Franza huwa rregolat mil-Liġi Nru 2000-108 tal-10 ta' Frar 2000 dwar il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tas-servizz pubbliku tal-elettriku [1].

(12) Fi Franza, il-konsumaturi finali tal-elettriku jistgħu jixtru l-elettriku tagħhom permezz ta' żewġ kanali prinċipali, is-"suq ħieles" u s-"suq irregolat".

(13) Sal-1 ta' Lulju 2007, kienu jikkoeżistu żewġ kategoriji ta' konsumaturi finali: il-klijenti "eliġibbli" u l-klijenti "mhux eliġibbli". Il-klijenti eliġibbli huma dawk li jibbenefikaw mid-dritt li jikkonkludu kuntratt ta' provvista tal-elettriku ma' fornitur tal-għażla tagħhom għal prezz stabbilit b'mod ħieles. B'applikazzjoni tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE [2], il-klijenti kollha mhux residenzjali [3] huma eliġibbli mill-1 ta' Lulju 2004 u l-klijenti residenzjali kollha huma eliġibbli mill-1 ta' Lulju 2007.

(14) Fi Franza, kull klijent eliġibbli huwa, għal kull waħda mis-siti ta' konsum, liberu li jagħżel li jeżerċita l-eliġibbiltà tiegħu jew le, jiġifieri jinvoka d-dritt tiegħu li jikkonkludi kuntratt ta' provvista ta' elettriku għal prezz stabbilit b'mod ħieles ma' fornitur tal-għażla tiegħu, kemm jekk dan il-fornitur ikun operatur stabbilit diġà preżenti fis-suq Franċiż qabel il-liberalizzazzjoni tiegħu. Is-suq ħieles jikkonċerna l-klijenti eliġibbli li jkunu eżerċitaw l-eliġibbiltà tagħhom. Fis-suq ħieles, il-prezz finali mħallas għall-elettriku kkunsmat jinkludi parti għall-"provvista" u parti għan-"netwerks". Il-parti tal-"provvista", maħsuba għall-fornitur, hija r-riżultat ta' negozjar ħieles bejn il-klijent u l-fornitur u tikkorrispondi mal-ispejjeż tal-provvista u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-fornitur flimkien mal-marġni ta' profitt tiegħu. Il-parti tan-"netwerk" tikkorrispondi mat-tariffi tat-trasport tal-elettriku u tal-użu tan-netwerks (Tariffa tal-Użu tan-Netwerks Pubbliċi tal-Elettriku, minn issa 'l quddiem "TUNPE"). L-ammont tal-parti tan-"netwerks" huwa rregolat mill-Istat u jiġi ttrasferit lil dawk li jimmaniġġjaw in-netwerks tat-trasport u tad-distribuzzjoni tal-elettriku.

(15) Is-suq irregolat jikkonċerna l-klijenti eliġibbli li ddeċidew li ma jeżerċitawx l-eliġibbiltà tagħhom. Fis-suq irregolat, il-konsumaturi finali jibbenefikaw minn "servizz pubbliku tal-elettriku". Il-funzjonament ta' din is-sistema u l-kundizzjonijiet tal-aċċess għas-servizz pubbliku tal-elettriku huma rregolati mil-Liġi Nru 2000-108 dwar il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tas-servizz pubbliku tal-elettriku, b'mod partikolari l-Artikoli 2, 4 u 22 tagħha.

(16) Fis-suq irregolat, il-konsumaturi finali jixtru l-elettriku tagħhom mingħand fornitur maħtur mill-Istat bi prezzijiet irregolati, jiġifieri t-tariffi standard imsemmija fil-Premessa (1). L-Istat jaħtar il-fornituri inkarigati mid-distribuzzjoni tal-elettriku fil-qafas tas-servizz pubbliku tal-elettriku skont iż-żoni ta' kompetenza ġeografiċi. F'madwar 95 % tat-territorju Franċiż, dan il-fornitur huwa l-intrapriża *Electricité de France* (minn issa 'l quddiem imsejħa "EDF"). Il-fornituri l-oħrajn ikkonċernati ġeneralment huma magħrufa bl-isem ta' "distributuri mhux nazzjonalizzati" jew "intrapriżi lokali tad-distribuzzjoni". L-EDF għandha l-fergħa tagħha stess tal-ġenerazzjoni tal-elettriku. L-intrapriżi lokali tad-distribuzzjoni, min-naħa tagħhom, jiksbu l-provvista tal-elettriku tagħhom ta' spiss mingħand l-EDF, bi prezzijiet irregolati msejħa "tariffi ta' bejgħ tal-elettriku għad-distributuri mhux nazzjonalizzati".

*Tariffi standard*

(17) L-Artikolu 66 tal-Liġi Nru 2005-781 tat-13 ta' Lulju 2005 tal-programm li jistabbilixxi l-linji gwida dwar il-politika tal-enerġija [4], ta lil kull klijent eliġibbli d-dritt li jibbenefika minn provvista tal-elettriku b'tariffi standard għal kull sit tal-konsum eżistenti li l-eliġibbiltà tiegħu ma kinitx ġiet eżerċitata qabel minn dan il-klijent jew minn persuna oħra.

(18) Dan l-Artikolu ta l-istess dritt lill-klijenti eliġibbli għas-siti ta' konsum ġodda tagħhom sakemm kienu kkumnikati man-netwerks tad-distribuzzjoni jew tat-trasport tal-elettriku qabel il-31 ta' Diċembru 2007.

(19) Fl-2007, id-data sa meta s-siti tal-konsum ikkumnikati reċentement man-netwerks tad-distribuzzjoni jew tat-trasport tal-elettriku setgħu jkunu soġġetti għal dritt għall-provvista tal-elettriku għal tariffi standard, ġiet posposta għall-1 ta' Lulju 2010. L-obbligu tal-provvista tal-elettriku b'tariffi standard lill-klijenti li jibbenefikaw minnhom huwa tal-EDF u l-intrapriżi lokali tad-distribuzzjoni, skont iż-żona ġeografika li fiha jkun jinsab il-post tal-konsum ikkonċernat.

(20) L-Artikolu 66 tal-Liġi Nru 2005-781 ġie sussegwentement emendat. Fil-verżjoni tagħha li tirriżulta

(1) JORF Nru 35, 11.2.2000, p. 2143. Din il-Liġi ġiet emendata diversi drabi, l-aħħar darba permezz tal-Liġi Nru 2007-290 tal-5 ta' Marzu 2007 li stabbilixxiet id-dritt vinkolanti għall-akkomodazzjoni u ntroduċiet diversi miżuri favur il-koeżjoni soċjali (JORF Nru 55, 6.3.2007, p. 4190).

(2) ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37, illum issostitwita bid-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

(3) L-Artikolu 2.11 tad-Direttiva 2003/54/KE jiddefinixxi l-klijenti mhux residenzjali bħala l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jixtru l-elettriku mhux maħsub għall-użu domestiku. Din id-definizzjoni tinkludi l-produtturi u l-klijenti bl-ingrossa.

(4) JORF Nru 163, 14.7.2005, p. 11570.

mill-emendi tal-Liġi Nru 2008-66 tal-21 ta' Jannar 2008 dwar it-tariffi rregolati tal-elettriku u tal-gass naturali ([1]), huwa estiż il-benefiċċju ta' provvista tal-elettriku b'tariffi standard:

(a) għal kull konsumatur finali għall-konsum ta' sit li għalih l-eliġibbiltà ma ġietx eżerċitata, minn dan il-konsumatur jew minn persuna oħra;

(b) għal kull konsumatur finali domestiku (residenzjali), għall-konsum ta' sit li għalih ma eżerċitax l-eliġibbiltà huwa stess, u sakemm it-talba ssir qabel l-1 ta' Lulju 2010;

(c) għal kull konsumatur finali residenzjali, għall-konsum ta' sit li għalih eżerċita l-eliġibbiltà tiegħu wara aktar minn sitt xhur, u sakemm issir id-domanda qabel l-1 ta' Lulju 2010;

(d) għal kull konsumatur finali mhux residenzjali abbonat għal enerġija elettrika ugwali għal jew inqas minn 36 kilovoltampers għall-konsum ta' sit li għalih ma eżerċitax l-eliġibbiltà huwa stess, sakemm it-talba ssir qabel l-1 ta' Lulju 2010;

(21) L-istrument legali u regolamentari applikabbli jipprevedi li t-tariffi standard jiġu stabbiliti skont kategoriji bbażati fuq il-karatteristiċi intrinsiċi tal-forrnituri, skont l-ispejjeż ta' dawn il-forrnituri. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet relatati mat-tariffi standard jittieħdu b'mod konġunt mill-ministri inkarigati mill-ekonomija u l-enerġija, abbażi tal-opinjoni tal-Kummissjoni Regolatorja tal-Enerġija (minn issa 'l quddiem "il-KRE") abbażi tal-analiżi tal-ispejjeż tekniċi u tal-kompatibbiltà ġenerali tal-operaturi. It-tibdil tat-tariffi standard jiġi deċiż kull sena u għandu jirrifletti l-varjazzjoni tal-ispiża tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, li tikkonsisti mill-ispejjeż tal-investiment u l-ispejjeż tal-operat tal-impjant tal-ġenerazzjoni u tan-netwerks tat-trasport u tad-distribuzzjoni, kif ukoll l-ispejjeż tal-fjuwil. L-ipprezzar tal-elettriku għandu jittrażmetti l-ispejjeż tal-ġenerazzjoni u tal-provvista ta' din l-enerġija lill-utenti.

(22) It-tariffi standard huma prezzijiet integrati li jinkludu l-prezz tal-provvista tal-elettriku kif ukoll l-ispejjeż kollha tat-trasport u tal-użu tan-netwerks. Dawn huma maqsuma f'kategoriji ta' utenti magħrufa bħala "għażliet ta' tariffi". L-għażliet tat-tariffi huma funzjonijiet ta' parametri bħall-qawwa tal-konnessjoni, id-dewmien tal-użu jew id-dritt tat-tħassir tal-utent. Ċerti klijenti jistgħu jkunu koperti minn diversi għażliet ta' tariffi u għalhekk ikollhom jagħżlu bejniethom.

(23) L-għażliet ta' tariffi huma mqassma fi gruppi fi tliet kategoriji kbar, imsejħa t-tariffi "blu", "sofor" u "ħodor". Bejn l-2009 u l-2011, it-tariffi sofor u t-tariffi ħodor kienu applikati għal madwar 300 000 u 100 000 sit ta' konsum, rispettivament.

— It-tariffi blu japplikaw għas-siti ta' konsum li l-qawwa kkuntrattata tagħhom tkun inqas minn jew ugwali għal 36 kilovoltampers. Dawn it-tariffi, li mhumiex koperti minn din il-proċedura, jikkorrispondu b'mod ġenerali mal-klijenti residenzjali u mas-siti żgħar tal-klijenti mhux residenzjali.

— It-tariffi sofor japplikaw għas-siti ta' konsum li l-qawwa kkuntrattata tagħhom tkun bejn 36 u 250 kilovoltampers. Dawn it-tariffi jikkorrispondu b'mod ġenerali għas-siti tal-konsum medji ta' klijenti mhux residenzjali.

— It-tariffi l-ħodor japplikaw għas-siti tal-konsum li l-qawwa kkuntrattata tagħhom tkun ogħla minn 250 kilovoltampers, u li jkunu mqabbda kemm ma' netwerk tad-distribuzzjoni, kif ukoll direttament ma' netwerk tat-trasport. Dawn it-tariffi jikkorrispondu b'mod ġenerali għal siti tal-konsum kbar ta' klijenti mhux residenzjali ([2]).

*L-implimentazzjoni tat-tariffi ta' ritorn*

(24) L-Artikolu 15(V) u l-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 2006-1537 tas-7 ta' Diċembru 2006 dwar is-settur tal-enerġija ([3]) biddlu din is-sitwazzjoni billi stabbilixxew is-sistema ta' tariffi ta' ritorn ([4]). Din is-sistema tippermetti lill-konsumaturi finali li jingħataw il-provvista fis-suq ħieles li jerġgħu jibbenefikaw minn prezz irregolat, taħt ċerti kundizzjonijiet.

(25) Fil-verżjoni inizjali tagħha, li kienet applikabbli bejn l-2004 u l-2008, is-sistema ta' tariffi ta' ritorn kienet tippermetti lil kull konsumatur finali li jingħata provvista fis-suq ħieles li jitlob mill-fornitur tal-elettriku tiegħu s-sostituzzjoni tal-klawżola tal-prezz tal-kuntratt ta' provvista b'"tariffa ta' ritorn", stabbilita mill-Istat, u dan għal perjodu ta' sentejn mit-talba tiegħu, filwaqt li l-klawżoli l-oħrajn tal-kuntratt tal-provvista jibqgħu ma jinbidlux ([5]). Biex jibbenefika mit-tariffa ta' ritorn, konsumatur finali kellu jkun għamel it-talba bil-miktub lill-fornitur tiegħu qabel l-1 ta' Lulju 2007.

(26) Barra minn hekk, l-Artikolu 30-1 tal-Liġi Nru 2004-803 kien jipprovdi li t-tariffa ta' ritorn "tapplika awtomatikament għall-kuntratti fis-seħħ mid-data li fiha ssir it-talba" u li "tapplika wkoll għall-kuntratti konklużi wara t-talba bil-miktub imsemmija fl-ewwel paragrafu ta' I, anke ma' fornitur ieħor." Għalhekk, jekk il-kuntratt tal-provvista ta' konsumatur finali li jkun talab li jibbenefika minn tariffa ta' ritorn kien jiskadi matul is-sentejn ta' wara t-talba

([1]) JORF Nru 18, 22.1.2008, p. 1122.

([2]) It-termini "siti kbar", "siti medji" u "siti żgħar" jikkorrispondu għat-tqassim li jintuża tradizzjonalment mill-KRE fil-pubblikazzjonijiet tagħha.

([3]) ĠURF Nru 284, 8.12.2006, p. 18531.

([4]) Dawn il-miżuri introduċew l-Artikoli 30-1 u 30-2 fil-Liġi Nru 2004-803 tad-9 ta' Awwissu 2004 dwar is-servizzi pubbliċi tal-elettriku u tal-gass u dwar l-impriżi tal-elettriku u tal-gass, li jistabbilixxu u jirregolaw is-sistema ta' tariffi ta' ritorn.

([5]) Sors: "Note interprétative sur la mise en œuvre du tarif réglementé transitoire d'ajustement du marché" ("Nota interpretattiva dwar l-implimentazzjoni tat-tariffa rregolata tranżizzjonali tal-aġġustament tas-suq"), il-Ministeru tal-Ekonomija, tal-Finanzi u tal-Industrija, disponibbli fl-indirizz: li ġej http://www.industrie.gouv.fr/energie/electric/note-interpretative-tarif_retour.pdf (sit miżjur fid-9 ta' Frar 2009).

inizjali, dan il-konsumatur seta' jitlob lil kull fornitur tal-elettriku li jaċċetta li jikkonkludi kuntratt ta' provvista miegħu li jfornih bit-tariffa ta' ritorn sal-aħħar ta' dan il-perjodu ta' sentejn.

(27) Mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw is-sistema ta' tariffi ta' ritorn kien jirriżulta li:

(a) kull konsumatur finali li ma kienx talab li jibbenefika mis-sistema ta' tariffi ta' ritorn għal sit ta' konsum partikolari qabel l-1 ta' Lulju 2007 ma setax jibbenefika aktar minn din is-sistema għal dan l-istess sit lil hinn mill-1 ta' Lulju 2007;

(b) u l-ebda konsumatur finali ma seta' jibbenefika mis-sistema ta' tariffi ta' ritorn aktar tard mill-1 ta' Lulju 2009.

(28) Bħat-tariffi standard, it-tariffi ta' ritorn huma prezzijiet integrati li jinkludu l-prezz tal-provvista tal-enerġija kif ukoll it-tariffi kollha tat-trasport u tal-użu tan-netwerks tat-trasport u tad-distribuzzjoni. It-tariffa ta' ritorn ma tistax tkun ogħla b'aktar minn 25 % mit-tariffa standard applikabbli għal sit ta' konsum bl-istess karatteristiċi.

(29) Il-livelli tat-tariffi ta' ritorn huma stabbiliti permezz ta' digriet ministerjali, b'referenza għal-livell tat-tariffa standard li jkun applikabbli għal konsumatur bl-istess karatteristiċi u li ma jkunx eżerċita l-eliġibbiltà tiegħu. Jirriżulta li t-tariffi ta' ritorn isegwu t-tibdil tat-tariffi standard. Id-Digriet tat-3 ta' Jannar 2007 li jistabbilixxi l-livell tat-tariffa rregolata tranżizzjonali tal-aġġustament tas-suq ([1]) jistabbilixxi l-valuri relatati li ġejjin:

— għat-tariffa s-safra, 20 % aktar mit-tariffa standard,

— għat-tariffa l-ħadra, 23 % aktar mit-tariffa standard.

*Il-mekkaniżmu tal-kumpens u l-finanzjament tat-tariffi ta' ritorn*

(30) Skont l-Artikolu 30-2 tal-Liġi Nru 2004-803, il-fornituri tal-elettriku li jipprovdu l-elettriku lil xi whud mill-klijenti tagħhom bit-tariffa ta' ritorn wara talba indirizzata minnhom u li jistabbilixxu li ma jistgħux jipproduċu jew jakkwistaw il-kwantitajiet tal-elettriku meħtieġa għall-forniment ta' dawn il-klijenti bi prezz aktar baxx mill-parti tal-"provvista" tat-tariffa ta' ritorn, għandhom jibbenefikaw minn kumpens. Dan il-kumpens ikopri d-differenza bejn, minn naħa, l-ispiża tal-ġenerazzjoni tal-fornitur inkwistjoni jew il-prezz li bih jakkwista l-elettriku fis-suq tal-operaturi, ikkunsidrat fil-limitu massimu speċifiku għalih u li huwa stabbilit skont ir-regoli previsti minn digriet ministerjali, u min-naħa l-oħra, l-introjtu li jikkorrispondi għall-provvisti inkwistjoni. Jekk ikun meħtieġ, l-ispiża tal-ġenerazzjoni tal-elettriku ta' fornitur tiġi evalwata billi titqies l-ispiża tal-produzzjoni tal-"kumpaniji relatati" ma' dan il-fornitur li jkunu stabbiliti fit-territorju nazzjonali. L-ispejjeż ikkumpensati jiġu kkalkolati abbażi ta' kontabilità miżmuma mill-fornituri skont ir-regoli stabbiliti mill-KRE. Din il-kontabilità tiġi kkontrollata a spejjeż tagħhom stess u l-KRE tista' titlob il-verifika tagħha minn korp indipendenti tal-għażla tagħha.

(31) Ir-regoli dettaljati li jirregolaw is-sistema ta' kumpens huma stabbiliti mid-Digriet Nru 2007-689 tal-4 ta' Mejju 2007 dwar il-kumpens tal-ispejjeż tat-tariffa rregolata tranżizzjonali tal-aġġustament tas-suq ([2]). Il-limitu msemmi fil-Premessa (30) huwa kkalkolat b'referenza għall-prezzijiet osservati fis-suq tal-operaturi Franċiż b'tali mod, skont l-awtoritajiet Franċiżi, li jkunu evitati l-imġiba spekulattiva u l-abbużi. Il-limitu inizjalment kien jirriżulta minn formola ta' kalkolu stabbilita mid-Digriet Ministerjali tal-4 ta' Mejju 2007. Din il-formola kienet tiddefinixxi l-limitu bħala kombinazzjoni ta' medja ta' prezzijiet osservati fil-Borża ewlenija Franċiża tal-elettriku (Powernext) għall-kuntratti tal-futuri standardizzati annwali, ta' kull tliet xhur, ta' kull xahar u kull ġurnata, bażiċi u l-ogħla ([3]). Din kienet tippermetti biss adattament marġinali tal-limitu għall-karatteristiċi speċifiċi ta' kull fornitur ikkonċernat. Din ġiet emendata minn Digriet Ministerjali tat-22 ta' Diċembru 2008, li kompla jirfinaha biex tqies aħjar fil-kalkolu tal-limitu l-eżistenza ta' differenzi bejn l-ispejjeż tal-produzzjoni, skont il-profil ta' konsum tal-klijenti tiegħu li tingħatalhom provvista bit-tariffa ta' ritorn.

(32) Mid-Digriet Nru 2007-689 kif emendat jirriżulta li jekk fornitur ikollu, b'mod dirett jew permezz ta' kumpaniji relatati, mezzi ta' ġenerazzjoni fi Franza li jkopru l-konsum kollu tal-klijenti finali tiegħu u l-ispiża tal-produzzjoni tiegħu tkun inqas mill-prezz tas-suq tal-operaturi Franċiż, l-ispejjeż soġġetti għal kumpens jiġu definiti b'referenza għal dawn l-ispejjeż tal-produzzjoni u mhux meta mqabbla mal-prezzijiet osservati fis-suq tal-operaturi. Barra minn hekk, jekk l-ispejjeż ikunu inqas mill-parti tal-"provvista' tat-tariffi ta' ritorn, il-fornitur inkwistjoni ma jibbenefika mill-ebda kumpens. Dan huwa l-każ tal-EDF, li tipprovdi l-maġġoranza tal-volumi ta' elettriku mogħtija fil-qafas tas-sistema ta' tariffi ta' ritorn fis-suq ħieles u li għandha kapaċitajiet kbar ta' ġenerazzjoni nukleari u idrawliċi li l-ispiża tal-ġenerazzjoni tagħhom hija inqas mill-parti tal-"provvista" tat-tariffi ta' ritorn.

(33) Safejn fornitur ma jkollux, b'mod dirett jew permezz ta' kumpaniji relatati, mezzi ta' ġenerazzjoni tal-elettriku fi Franza li jkopru l-konsum kollu tal-klijenti finali tiegħu, il-kumpens li jitħallas lilu jiġi determinat, skont il-limitu msemmi fil-Premessa (30), mill-prezzijiet osservati fis-suq tal-operaturi, il-kwantitajiet ta' elettriku mibjugħa lill-klijenti finali li jkunu jinsabu fi Franza, l-ispejjeż tal-produzzjoni assoċjati mal-mezzi ta' ġenerazzjoni li jkollu

([1]) JORF Nru 4, 5.1.2007, p. 170.

([2]) JORF nru105, 5.5.2007, p. 7952.

([3]) Il-kuntratti tal-futuri bażiċi jikkorrispondu għal provvista tal-elettriku kostanti matul perjodu partikolari (sena, tliet xhur, xahar, ġurnata). L-ogħla kuntratti tal-futuri jikkorrispondu għal provvista tal-elettriku ta' 8 sigħat sa 20 siegħa minbarra fi tmiem il-ġimgħa.

dan il-fornitur fi Franza b'mod dirett jew permezz ta' kumpaniji relatati, u mill-parti tal-kwantitajiet mibjugħa li tkun ġiet prodotta minn dawn il-mezzi ta' ġenerazzjoni.

(34) Barra minn hekk, l-ispejjeż tal-kummerċjalizzazzjoni relatati mal-provvista bit-tariffa ta' ritorn, imnaqqsa mid-dħul relatat ma' din il-provvista, jiġu kkunsidrati wkoll fil-kalkolu tal-kumpens. Fl-aħħar nett, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari li jirregolaw il-mekkaniżmu ta' kumpens ma jipprovdux marġni ta' profitt għall-fornituri li jingħataw kumpens.

(35) Il-kumpens huwa ffinanzjat minn żewġ kontribuzzjonijiet obbligatorji:

— parti tal-"kontribuzzjoni għas-servizz pubbliku tal-elettriku", spiża dovuta mingħand il-klijenti kollha u stabbilita permezz tal-Artikolu 5(1) tal-Liġi Nru 2000-108. Din il-parti hija limitata għal ammont ta' EUR 0,55/MWh imnaqqas abbażi tal-kontribuzzjoni għas-servizz pubbliku tal-elettriku [1]. Hija limitata wkoll mill-fatt li skont il-Liġi Nru 2000-108, ma tistax tagħmel l-ammont totali tal-kontribuzzjoni għas-servizz pubbliku tal-elettriku ogħla minn dak li kien applikabbli fid-9 ta' Diċembru 2006, jiġifieri EUR 4,5/MWh. Il-Liġi tal-Finanzi għall-2011 minn issa 'l quddiem tipprovdi li tapplika l-kontribuzzjoni għas-servizz pubbliku tal-elettriku kif proposta mill-KRE, fil-limitu madankollu ta' żieda ta' EUR 3/MWh meta mqabbel mas-sena preċedenti.

— kontribuzzjoni dovuta mingħand il-produtturi tal-elettriku li joperaw impjanti ta' qawwa installata totali ta' aktar minn 2 gigawatts. Din il-kontribuzzjoni hija bbażata fuq il-ġenerazzjoni ta' elettriku mill-enerġija nukleari u idrawlika matul is-sena preċedenti. Inizjalment limitata għal EUR 1,3 għal kull MWh prodott mill-impjanti tal-enerġija nukleari u idrawlika b'kapaċità ta' aktar minn 2 gigawatts, din il-kontribuzzjoni ġiet limitata għal EUR 3/MWh fl-2008.

(36) Il-liġi tipprovdi li d-dħul minn dawn iż-żewġ kontribuzzjonijiet obbligatorji jingabar mill-Uffiċċju tad-depożiti u tal-kunsinni. L-ammont tal-kumpens dovut lil kull fornitur ikkonċernat jiġi kkalkolat mill-KRE mid-dikjarazzjonijiet li tirċievi mingħand dawn il-fornituri. Il-KRE tibgħat ir-riżultati ta' dawn il-kalkoli lill-Uffiċċju tad-depożiti u tal-kunsinni li jagħmel il-pagament korrispondenti.

(37) Fil-każ li ż-żewġ kontribuzzjonijiet obbligatorji ma jkunux biżżejjed biex jithallsu l-kumpensi kollha għal sena partikolari, dak li jkun fadal biex jingabar jiżdied mal-ammont tal-ispejjeż li għandhom jinġabru s-sena ta' wara. B'hekk, l-ispejjeż li għandhom jiġu koperti fl-2011 huma l-ispejjeż previsti għall-2011 li jammontaw għal EUR 3,4 biljun u l-ispejjeż tal-aġġustament tal-2009 li jammontaw għal 1,4 biljun, li jfisser total ta' EUR 4,8 biljun. Biex dawn l-ispejjeż ikunu jistgħu jiġu kkumpensati kollha, il-kontribuzzjoni għas-servizz pubbliku tal-elettriku kellu jogħla għal EUR 12,9/MWh fl-2011, EUR 9,3/MWh biex ikopru l-ispejjeż għall-2011 u EUR 3,6/MWh għall-finanzjament tal-aġġustament tal-2009. Issa, il-kontribuzzjoni għas-servizz pubbliku tal-elettriku ġiet stabbilita fl-2011 għal EUR 7,5/MWh, li jiġġenera defiċit stmat ta' kumpens tal-EDF għall-2011 ta' EUR 2 biljun, li miegħu jiżdied dak tal-2010 stmat għal biljun euro.

*Modifiki introdotti mill-Artikolu 166 tal-Liġi Nru 2008-776 tal-4 ta' Awwissu 2008 tal-modernizzazzjoni tal-ekonomija*

(38) L-Artikolu 166 tal-Liġi Nru 2008-776 emenda l-Artikolu 30-1 tal-Liġi Nru 2004-803, u b'hekk ippermetta lil kull konsumatur finali li s-sit tal-konsum tiegħu kien diġà pprovdut bl-elettriku fil-qafas tas-sistema ta' tariffi ta' ritorn li jkompli jibbenefika minn tariffi ta' ritorn għal dan is-sit sat-30 ta' Ġunju 2010, filwaqt li għall-ewwel il-konsumatur finali seta' jibbenefika biss għal perjodu ta' sentejn li kien jiskadi mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2009.

(39) Barra minn hekk, l-Artikolu 166 tal-Liġi Nru 2008-776 kien jippermetti lil kull konsumatur finali li jagħmel talba, sat-30 ta' Ġunju 2010, filwaqt li qabel, it-talbiet bl-għan li wieħed jibbenefika mis-sistema ta' tariffi ta' ritorn ma setgħux jiġu rċevuti wara l-1 ta' Lulju 2007.

(40) Min-naħa l-oħra, dan kien jipprovdi li konsumatur finali li kien irrifjuta l-benefiċċju tat-tariffi ta' ritorn għall-provvista ta' sit ma setax aktar jitlob li jibbenefika mill-ġdid għall-provvista ta' dan is-sit.

(41) Fl-aħħar nett, dan kien jipprovdi li l-ebda konsumatur finali ma seta' jibbenefika mis-sistema ta' tariffi ta' ritorn wara t-30 ta' Ġunju 2010.

*It-tibdil tat-tariffi rregolati standard u ta' ritorn fir-rigward tal-prezzijiet tas-suq*

(42) Mill-1 ta' Jannar 2004, it-tariffi standard u, mill-2006, it-tariffi ta' ritorn, ġew riveduti kull sena minn Digrieti ministerjali. L-istruttura tas-sistema tat-tariffi, jiġifieri l-għażliet u l-verżjonijiet tat-tariffi kollha offruti lill-konsumaturi finali differenti skont il-qawwiet tal-konnessjoni tagħhom u l-profili tal-konsum tagħhom, baqgħet essenzjalment l-istess sa mill-2004. Ir-reviżjonijiet differenti tal-livell tat-tariffi standard u ta' ritorn kienu forma ta' żieda medja definita speċifikament għal kull waħda mill-kategoriji l-kbar ta' għażliet ta' tariffi u mbagħad imnaqqsa għal kull alternattiva u verżjoni ta' tariffi.

[1] Il-kontribuzzjoni għas-servizz pubbliku tal-elettriku tiffinanzja wkoll spejjeż oħrajn, inklużi l-ispejjeż addizzjonali relatati mal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli (42,4 %), l-ispejjeż addizzjonali relatati mas-sussidju ġeografiku inkroċjat (35 %), l-ispejjeż addizzjonali relatati mal-koġenerazzjoni (21 %) u t-tariffi msejħa "soċjali" (1,4 %) (stimi tal-KRE għas-sena 2011).

*Tabella 1*

**Tariffi standard u ta' ritorn (EUR/MWh esklużi t-taxxi) mill-1 ta' Jannar 2004 sal-1 ta' Jannar 2012** ([1])

| EUR/MWh | Tariffa standard safra | Tariffa standard ħadra | Tariffa ta' ritorn safra | Tariffa ta' ritorn ħadra |
|---|---|---|---|---|
| 1 ta' Jannar 2004 | 68,5 | 51,3 | Ma kinitx teżisti | Ma kinitx teżisti |
| 15 ta' Awwissu 2006 | 69,3 | 51,6 | Ma kinitx teżisti | Ma kinitx teżisti |
| 16 ta' Awwissu 2007 | 70,3 | 52,4 | 84,4 | 64,7 |
| 15 ta' Awwissu 2008 | 72,8 | 55,3 | 87,3 | 68 |
| 15 ta' Awwissu 2009 | 76,3 | 58,1 | 91,6 | 71,5 |
| 15 ta' Awwissu 2010 | 79,7 | 61,3 | 95,6 | 75,4 |
| 1 ta' Jannar 2012 | 82,9 | 63,5 | Ma għadhiex teżisti | Ma għadhiex teżisti |

(43) Fis-suq ħieles, il-prezzijiet kienu prattikament stabbli bejn EUR 30 u 35/MWh matul is-sena 2004, imbagħad żdiedu b'mod regolari fl-2005 sakemm laħqu aktar minn EUR 50/MWh fi tmiem is-sena 2005. Matul is-sena 2006, il-prezzijiet kienu jvarjaw bejn EUR 50 u EUR 60/MWh b'medja ta' madwar EUR 55/MWh. Sas-7 ta' Diċembru 2006, fis-suq ħieles, il-prezzijiet setgħu jitbiddlu indipendentement mil-livell tat-tariffi standard, jiġifieri konsumatur finali provdut fis-suq ħieles ma setax jerġa' lura għas-suq irregolat jekk il-prezz li kien jikseb fis-suq ħieles kien ogħla mit-tariffi standard.

(44) Skont l-indikazzjonijiet provduti mill-KRE ([2]), jidher li l-prezzijiet tal-kuntratti tal-futuri fis-suq tal-operaturi jvarjaw ħafna aktar mit-tariffi ta' ritorn u kienu tassew ogħla fil-parti "provvista" mit-tariffi ta' ritorn ħodor u sofor matul l-ewwel disa' xhur tas-sena 2008. Il-prezzijiet tal-kuntratti annwali bażiċi għall-2009 kienu jammontaw għal EUR 85,6/MWh fit-30 ta' Settembru 2008. L-ogħla prezzijiet tal-kuntratti annwali għall-2009, kienu jammontaw għal kważi EUR 120/MWh f'din l-istess data. L-awtoritajiet Franċiżi min-naħa tagħhom indikaw li matul l-ewwel semestru tas-sena 2008, il-prezzijiet tal-kuntratti annwali bażiċi f'Powernext għolew minn EUR 60 għal EUR 80/MWh u laħqu massimu ta' aktar minn EUR 90/MWh.

(45) Fl-2009, il-prezzijiet tal-elettriku naqsu, b'konsegwenza tas-sitwazzjoni ekonomika ħażina u tat-tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija fossili. Il-KRE, fir-rapport tagħha dwar il-funzjonament tas-suq tal-21 ta' Diċembru 2009 ([3]), stqarret li l-prodotti bir-rata ffissata bil-quddiem mill-2008 naqsu b'madwar 50 %. Fit-30 ta' Ġunju 2009, il-prezzijiet tal-kuntratt annwali għall-provvista bażika għall-2010, ta' inqas minn EUR 60/MWh, reġgħu lura għal-livelli ta' valutazzjoni tal-bidu tal-2007. Din it-tendenza tidher fil-prodotti kollha bir-rata ffissata bil-quddiem, inklużi l-prodotti ta' kull xahar u ta' kull tliet xhur.

(46) Dawn il-prezzijiet tas-suq huma prezzijiet tal-provvista, jiġifieri huma esklużi l-ispejjeż tat-trasport u tal-użu tan-netwerk. Biex ikunu jistgħu jitqabblu mat-tariffi, li huma prezzijiet integrati, jeħtieġ li dawn it-tariffi titneħħielhom il-parti li tikkorrispondi mat-trasport u mal-użu tan-netwerk, sabiex tinżamm biss il-parti li tkun tikkorrispondi mal-provvista tal-enerġija. Skont il-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija ta' Pariġi, l-ispejjeż tat-trasport u tal-użu tal-elettriku provdut jirrappreżentaw bejn 30 % u aktar minn 50 % tal-prezz totali tal-elettriku skont il-qawwa tal-kuntratt u l-vultaġġ tal-konnessjoni ([4]). Il-kumpanija POWEO tistma l-parti tal-ispejjeż tat-trasport għal kważi 45 % tat-tariffa għal klijent professjonali ([5]).

(47) Fid-dawl ta' dan u tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, it-tabella 2 turi t-tibdil fil-valur tal-parti provvista tat-tariffi standard u ta' ritorn, jiġifieri, meta titnaqqas il-parti tal-ispejjeż tat-trasport u tal-użu tan-netwerk mill-prezz totali tal-elettriku fit-tariffi bejn Jannar 2004 u Jannar 2012. Sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku potenzjali għall-benefiċjarji tat-tariffi inkwistjoni, jeħtieġ li titqabbel il-parti "provvista" mal-prezzijiet tas-suq disponibbli matul il-perjodu kif deskritti fil-Premessi (43) sa (45), tqabbil li se huwa s-suġġett tal-Premessi (109) u (110).

*Tabella 2*

**Il-parti provvista tat-tariffi standard u ta' ritorn (EUR/MWh esklużi t-taxxi) mill-1 ta' Jannar 2004 sal-1 ta' Jannar 2012** ([6])

| EUR | Il-parti "provvista" tat-tariffa safra | Il-parti "provvista" tat-tariffa ħadra | Il-parti "provvista" tat-tariffa ta' ritorn safra | Il-parti "provvista" tat-tariffa ta' ritorn ħadra |
|---|---|---|---|---|
| 1 ta' Jannar 2004 | Mhux disponibbli | Mhux disponibbli | Mhux applikabbli. | Mhux applikabbli. |
| 15 ta' Awwissu 2006 | 37,1 | 33,8 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |

([1]) Tariffi bbażati fuq l-opinjoni tal-KRE dwar id-Digrieti dwar il-prezzijiet tal-bejgħ tal-elettriku.

([2]) Ara pereżempju Electricity and gas market observatory — third quarter 2008 tal-KRE, paġna 22, disponibbli fl-indirizz: http://www.cre.fr/fr/marches/observatoire_des_marches

([3]) Disponibbli fl-indirizz: http://www.cre.fr/documents/publications/rapports-thematiques/fonctionnement-des-marches-de-gros-de-l-electricite-et-du-gaz-naturel/consulter-le-rapport

([4]) http://www.environnement.ccip.fr/energie/electricite/reseau-transport-electricite.htm

([5]) Sors: POWEO, ikkwotata minn Companynews. http://www.companynewsgroup.com/imprimer.asp?co_id=111260

([6]) Tariffi bbażati fuq l-opinjoni tal-KRE dwar id-Digrieti dwar il-prezzijiet tal-bejgħ tal-elettriku.

| EUR | Il-parti "provvista" tat-tariffa safra | Il-parti "provvista" tat-tariffa ħadra | Il-parti "provvista" tat-tariffa ta' ritorn safra | Il-parti "provvista" tat-tariffa ta' ritorn ħadra |
|---|---|---|---|---|
| 16 ta' Awwissu 2007 | 38,2 | 34,7 | 52,1 | 46,9 |
| 15 ta' Awwissu 2008 | 42,4 | 38,9 | 59 | 51,6 |
| 15 ta' Awwissu 2009 | 43,7 | 41,1 | 62,5 | 54,5 |
| 15 ta' Awwissu 2010 | 46,1 | 43,7 | 62 | 57,8 |
| l-1 ta' Jannar 2012 | 46,1 | 44,3 | Ma għadhiex teżisti | Ma għadhiex teżisti |

*Is-sitwazzjoni partikolari tas-suq Franċiż tal-elettriku*

(48) Is-suq Franċiż tal-elettriku għandu karatteristiċi speċifiċi fi ħdan l-Unjoni. Intrapriża waħda, l-EDF, għandha 87 % tal-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fi Franza kontinentali u metropolitana, mis-sorsi kollha, speċjalment l-enerġija nukleari u idrawlika [1]. Konsegwentement, l-EDF (jew sa ċertu punt, l-intrapriżi lokali tad-distribuzzjoni) iżżomm fi Franza parti mis-suq li taqbeż il-85 % u tibqa' dominanti fil-gruppi kollha ta' klijenti, kemm jekk ikunu klijenti individwali, intrapriżi żgħar u medji jew klijenti kbar. Għalhekk, skont il-monitoraġġ tas-swieq tal-KRE tat-tielet trimestru tal-2011, 7 % tas-siti biss (u 35 % tal-konsum totali) huma offruti fis-suq (18 % għas-siti l-kbar mhux residenzjali, 15 % għas-siti żgħar mhux residenzjali u 5 sa 6 % għas-siti l-oħrajn), u d-93 % li fadal offruti b'tariffi rregolati. Il-maġġoranza vasta tas-siti li jibbenefikaw minn tariffi rregolati huma klijenti tal-EDF.

(49) B'mod partikolari, l-EDF tiżgura l-ġenerazzjoni kollha tal-elettriku mill-enerġija nukleari, li jirrappreżenta, b'mod stabbli, aktar minn 75 % tat-total tal-elettriku prodott fi Franza, minħabba l-għadd ta' impjanti nukleari tagħha. Barra minn hekk, l-EDF topera l-konċessjonijiet prinċipali tal-elettriku mill-enerġija idrawlika, billi l-iżvilupp ta' kapaċitajiet idrawliċi ġodda jiffaċċja limiti naturali. Iż-żona ta' ġenerazzjoni ta' impjanti ċentrali nukleari mibnija qabel il-liberalizzazzjoni tas-swieq fil-livell tal-Unjoni hija standardizzata ħafna (essenzjalment teknoloġija waħda għal livelli li jikkorrispondu mal-qawwiet differenti installati: 900 sa 1 600 MW) – u għalhekk favorevoli għall-ekonomiji tal-kobor fil-qasam tal-manutenzjoni, l-investimenti, it-taħriġ u l-allokazzjoni tal-persunal eċċ. – u fil-biċċa l-kbira amortizzata bi spejjeż tal-ġenerazzjoni medji tassew inqas minn dawk tat-teknoloġiji klassiċi l-oħrajn.

(50) Fil-fatt, l-elettriku li jinkiseb mill-enerġija nukleari għandu struttura ta' spejjeż totali kkaratterizzata mill-kobor tal-ispejjeż fissi (bħall-amortizzazzjoni tal-impjanti, l-ispejjeż tar-riproċessar u l-ħżin tal-iskart, l-ispejjeż tal-iżmantellar) u mill-ispejjeż varjabbli relattivament baxxi (speċjalment tal-fjuwil). Pereżempju, l-ispejjeż totali tal-elettriku prodott fl-Ewropa mill-gass naturali (EUR 68/MWe) u mill-faħam (EUR 61/MWe) huma ogħla minn 76 % u 59 % rispettivament minn dawk tal-elettriku mill-enerġija nukleari (EUR 39/MWe). Barra minn hekk, l-ispejjeż varjabbli tal-fjuwil huma saħansitra aktar determinanti mill-ispejjeż totali għall-ipprezzar fis-suq tal-operaturi mill-ispiża marġinali tal-elettriku. Issa dawn l-ispejjeż varjabbli jirrappreżentaw medja ta' 28 % tal-ispejjeż totali rispettivi għall-impjanti tal-faħam, 70 % għall-impjanti tal-gass u 16 % biss għaċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari [2].

(51) Għalhekk, fir-rigward tas-suq Franċiż, il-KRE fl-2011 stmat li l-prezz li jikkumpensa għall-kundizzjonijiet ekonomiċi tal-operat fit-tul taż-żona ta' impjanti nukleari tal-EDF kien ta' madwar EUR 36 u 39/MWH, u l-ispejjeż operazzjonali kienu stabbiliti għal EUR 25/MWh [3]. Il-fatt li għandha elettriku nukleari b'differenza bħal din fl-ispejjeż marġinali, jagħti lil EDF vantaġġ sinifikanti ħafna fil-konfront ta' kompetitur li jipproduċi l-elettriku mill-enerġija termali jew rinnovabbli.

(52) Minħabba l-interkonnessjoni mal-Istati Membri tal-viċin, il-prezz tal-operaturi tal-elettriku fi Franza huwa stabbilit fil-livell reġjonali ("żona" Franza/Ġermanja/Benelux). Għalhekk huwa fil-biċċa l-kbira ddeterminat, fuq livell ogħla minn dak tal-enerġija nukleari, mill-ispiża tal-operat tal-impjanti tal-gass u tal-faħam, li jagħti vantaġġ kompetittiv lill-enerġija nukleari, forma ta' annwalità fl-iffissar tal-prezzijiet. L-ebda kompetitur attwali jew potenzjali ma jibbenefika minn kundizzjonijiet simili u ma jista', qabel diversi għexieren ta' snin, ikollu żona ta' produzzjoni bi spejjeż baxxi li jirrappreżentaw frazzjoni sinifikanti taż-żona magħmula mill-impjanti nukleari u idrawliċi tal-EDF.

*Skambju ta' ittri bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Franċiżi*

(53) B'kunsiderazzjoni ta' din is-sitwazzjoni, fil-15 ta' Settembru 2009, il-Prim Ministru Franċiż minn naħa, u l-kummissarji tal-kompetizzjoni u l-enerġija min-naħa l-oħra, wettqu skambju ta' ittri dwar il-prinċipji ta' pjan ta' riforma tas-suq tal-elettriku Franċiż li jipprevedi b'mod partikolari:

(a) l-għajbien ta' malajr tat-tariffi ta' ritorn, u dak, aktar gradwali, tat-tariffi rregolati għall-intrapriżi kbar u medji bl-għan tal-għajbien totali fl-2015;

[1] Deċiżjoni tal-Awtorità tal-kompetizzjoni Nru 11/D-09 tat-8 ta' Ġunju 2011.

[2] Ara "Coûts prévisionnels de production d'électricité" ("Spejjeż previsti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku"), AEN-IEA, Edizzjoni tal-2010, valuri medji b'aġġornament sa 5 %.

[3] Opinjoni tal-KRE tal-5 ta' Mejju 2011, p. 5.

(b) strument "ta' aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali" li jikkonsisti f'obbligu għall-EDF li tbiegħ bi prezz irregolat skont l-ispejjeż, parti mill-ġenerazzjoni tal-elettriku tagħha mill-enerġija nukleari (madwar 25 %, b'limitu ta' 100 TWh) lill-kompetituri tagħha fis-suq tal-konsumaturi tal-elettriku, sabiex tiġi promossa l-kompetittività fis-suq. Il-kompetituri tal-EDF hekk ikunu jistgħu jagħtu offerti bi prezzijiet komparabbli għal dawk li tista' toffri l-EDF, u dan għandu jippermetti kompetizzjoni effettiva u jwassal sabiex iż-żamma tat-tariffi rregolati ma tibqax neċessarja.

*Ir-riforma tas-suq Franċiż tal-elettriku*

(54) Sabiex jikkonkretizza l-impenji ta' Franza, il-gvern Franċiż ħatar kumitat ta' esperti, immexxi mis-Sur Paul Champsaur, inkarigat mill-formulazzjoni tal-proposti għall-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku. Il-proposti tiegħu kienu l-bażi tal-liġi Nru 2010-1488 li torganizza mill-ġdid is-suq tal-elettriku, ivvutata fis-7 ta' Diċembru 2010 ([1]), u tad-Digriet ta' applikazzjoni tagħha Nru 2011-466 tat-28 ta' April 2011 ([2]).

(55) Il-liġi Nru 2010-1488 tispeċifika li t-tariffi ta' ritorn jispiċċaw fl-1 ta' Lulju 2011 filwaqt li t-tariffi standard sofor u ħodor għandhom jispiċċaw fl-2015. Il-liġi Nru 2010-1488 emendat ukoll il-liġi Nru 2000-108 tal-10 ta' Frar 2000 dwar il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tas-servizz pubbliku tal-elettriku billi daħħlet l-Artikolu 4-1li jipprevedi li mill-1 ta' Lulju 2011, u għal perjodu ta' 15-il sena, il-fornituri alternattivi tal-elettriku għandhom dritt għal aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali għal volum totali li ma jistax jaqbeż il-100 TWh, jew madwar 25 % tal-ġenerazzjoni tal-impjanti nukleari stabbiliti. Il-prezz tal-aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali huwa stabbilit l-ewwel mill-gvern wara Opinjoni tal-KRE. Il-Paragrafu VII tal-Artikolu 4-1, jistipula li sabiex tkun żgurata remunerazzjoni ġusta għall-EDF, il-prezz għandu jkun jirrappreżenta l-kundizzjonijiet ekonomiċi tal-ġenerazzjoni tal-elettriku tal-impjanti nukleari tagħha fuq il-perjodu tal-faċilità. Il-prezz tal-aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali għandu jikkunsidra l-elementi li ġejjin:

(a) remunerazzjoni fuq il-kapital li tqis in-natura tal-attività;

(b) l-ispejjeż operattivi;

(c) l-ispejjeż tal-investimenti għall-manutenzjoni jew meħtieġa għall-estensjoni tal-perjodu tal-awtorizzazzjoni tal-operat;

(d) l-ispejjeż previsti relatati mal-imposti nukleari fit-tul.

(56) Il-prezz tal-aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali ġie stabbilit b'Digriet tal-Ministru tal-Enerġija f'Mejju 2011 għal EUR 40/MWh mill-1 ta' Lulju 2011, sabiex konsumatur li jibbenefika mit-tariffa ta' ritorn fit-30 ta' Ġunju 2011 ikun jista' sussegwentement jingħata offerta tas-suq ibbażata fuq il-prezz tal-aċċess (tal-operaturi) fl-istess livell tal-prezz tal-konsumaturi. Permezz ta' Digriet separat, il-prezz tal-aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali għall-2012 ġie stabbilit għal EUR 42/MWh ([3]). Il-gvern indika li l-livell tal-prezz miżmum għall-2011 kien jirriżulta mill-ħtieġa li tkun żgurata kontinwità, fil-livell tal-prezzijiet tal-operaturi, mat-tariffa ta' ritorn. Għall-2012, il-gvern iġġustifika l-livell tal-prezz permezz tal-kunsiderazzjoni minn qabel tal-investimenti indispensabbli għat-tisħiħ tas-sikurezza tal-impjanti nukleari wara l-aċċident ta' Fukushima.

(57) Mit-8 ta' Diċembru 2013, il-prezz tal-aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali se jkun stabbilit mill-KRE. Digriet tal-Kunsill tal-Istat għandu jispeċifika l-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom ġew stabbiliti l-prezzijiet tal-aċċess mill-KRE.

(58) L-ewwel perjodu ta' għoti ta' aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali beda fl-1 ta' Lulju 2011. 32 fornitur iffirmaw ftehim qafas mal-EDF u għandhom jingħataw 61,3 TWh ta' aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali bejn l-1 ta' Lulju 2011 u t-30 ta' Ġunju 2012. Għall-2011, volum ta' 84,4 % ta' aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali ngħata lill-fornituri kompetituri tal-EDF. Dan il-volum jirrappreżenta l-parti tal-ġenerazzjoni nukleari tradizzjonali fil-konsum totali tal-konsumaturi finali fit-territorju Franċiż fl-Ewropa u fi Franza kontinentali.

(59) F'Jannar 2012, skambju ġdid ta' ittri bejn il-Prim Ministru Franċiż minn naħa, u l-kummissarji għall-kompetizzjoni u għall-enerġija, min-naħa l-oħra, speċifika l-impenji ta' Franza dwar żewġ aspetti addizzjonali:

— id-deċiżjonijiet li jittieħdu wara s-sajf tal-2012 dwar it-tariffi rregolati se jippermettu li titnaqqas, meta mqabbla mal-2012, u sussegwentement kull sena meta mqabbla mas-sena preċedenti, id-diskrepanza bejn it-total tal-ispejjeż u t-tariffa rregolata;

— il-livell tal-prezz tal-aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali mhux se jitbiddel sakemm id-Digriet li jistabbilixxi l-metodu tal-kalkolu tal-prezz tal-aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali ma jkunx daħal fis-seħħ, u l-pubblikazzjoni tad-Digriet hija prevista mhux aktar tard mis-7 ta' Diċembru 2013.

### III. SOMMARJU TAD-DUBJI LI ESPRIMIET IL-KUMMISSJONI FID-DEĊIŻJONIJIET TA' FTUĦ U TA' ESTENSJONI TAL-PROĊEDURA

(60) Fid-Deċiżjonijiet tagħha tal-ftuħ u mbagħad ta' estensjoni tal-proċedura ta' eżami, il-Kummissjoni kienet ikkunsidrat li t-tariffi standard irregolati ħodor u sofor u t-tariffi ta' ritorn kellhom jitħallsu mill-Istat Franċiż peress li kienu

([1]) JORF Nru 0284 tat-8 ta' Diċembru 2010, p. 21467.
([2]) JORF Nru 0100 tad-29 ta' April 2011, p. 7472.
([3]) Digrieti ppubblikati fil-JORF Nru 0117 tal-20 ta' Mejju 2011, p. 8792 u p. 8793.

ġew stabbiliti u riveduti minn atti leġiżlattivi jew regolamentari maħruġa minnu. Dawn it-tariffi jinvolvu riżorsi li huma taħt il-kontroll tal-Istat, kemm jekk dawn ikunu riżorsi tal-EDF, taħt kontroll tal-Istat, jew kontribuzzjonijiet speċifiċi taħt il-kontroll ta' entità, l-Uffiċċju tad-depożiti u tal-kunsinni, maħtura minnu.

(61) Peress li t-tariffi rregolati kienu jagħtu vantaġġ ekonomiku meta mqabbla mal-prezzijiet tas-suq għall-benefiċċju tal-intrapriżi pprovduti bl-elettriku b'dawn it-tariffi u preżenti fis-setturi kollha tal-ekonomija miftuħa għall-kompetizzjoni u għall-iskambji bejn l-Istati Membri, it-tariffi kienu jidhru simili għal sistemi ta' għajnuna li x'aktarx li jxekklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(62) Fid-deċiżjonijiet tagħha, il-Kummissjoni kienet esprimiet ukoll dubji rigward il-kompatibbiltà tat-tariffi standard u tat-tariffi ta' ritorn mas-suq intern.

(63) Hija kienet tqis b'mod partikolari li d-derogi previsti fl-Artikolu 107(2) tat-TFUE ma kienux jidhru li qed jiġu applikati, peress li l-għajnuna ma tingħatax lill-konsumaturi individwali, mhix maħsuba biex tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastri naturali jew minn avvenimenti straordinarji oħrajn, u lanqas ma tingħata lill-ekonomija ta' ċerti reġjuni tar-Repubblika federali tal-Ġermanja affettwati mid-diviżjoni tal-Ġermanja.

(64) L-anqas id-derogi previsti fl-Artikolu 107(3)(a), (b) u (d) tat-TFUE ma kienxu jidhru li japplikaw. Fil-fatt, ħlief għal ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jidhirx li huma sodisfatti hawnhekk, l-Artikolu 107(3)(a) ma jawtorizzax l-għajnuna għall-funzjonament. Barra minn hekk, l-għajnuna mhix maħsuba biex tippromwovi t-twettiq ta' proġett kbir ta' interess komuni Ewropew jew biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija ta' Stat Membri, u lanqas mhi maħsuba biex tippromwovi l-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju.

(65) L-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE jipprevedi l-possibbiltà li tiġi awtorizzata għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, meta dawn ma jbiddlux il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod kuntrarju għall-interess komuni. Il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna inkwistjoni ma tistax tiġi awtorizzata fid-dawl tal-linji gwida u l-oqfsa li jispjegaw l-applikazzjoni minnha tad-dispożizzjonijiet ta' dak l-Artikolu.

(66) Il-Kummissjoni esprimiet ukoll dubji dwar il-fatt li dawn it-tariffi, li huma applikabbli għall-intrapriżi medji u kbar, jistgħu jikkostitwixxu kumpens għall-forniment ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali skont l-Artikolu 106(2) tat-TFUE.

(67) Fid-deċiżjoni tagħha li testendi l-proċedura, il-Kummissjoni kienet qieset li d-dubji espressi fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tal-2007 dwar il-kompatibbiltà tal-element ta' għajnuna mill-Istat li kienet tinvolvi għall-ewwel is-sistema ta' tariffi ta' ritorn mas-suq intern jgħoddu wkoll għall-element ta' għajnuna li tinkludi din is-sistema ta' tariffi ta' ritorn kif emendata mill-Artikolu 166 tal-Liġi Nru 2008-776.

## IV. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI

(68) Diversi fornituri u klijenti interessati esprimew l-osservazzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni.

*Fornituri*

(69) Poweo, permezz ta' ittra tal-14 ta' Awwissu 2007, indikat li tikkondividi l-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat. Dwar l-eżistenza ta' vantaġġ, l-intrapriża kkonfermat li t-tariffi standard jikkostitwixxu vantaġġ meta mqabbla mal-kundizzjonijiet ta' provvista fis-suq tal-operaturi, meta mqabbla mat-tariffa ta' ritorn u mal-offerti kummerċjali tal-EDF. It-tariffi ta' ritorn huma vantaġġ meta mqabbla mal-kundizzjonijiet ta' provvista fis-suq tal-operaturi. Fir-rigward tas-selettività, Poweo żiedet tgħid li l-eżerċizzju tal-eliġibbiltà għat-tariffa tas-suq huwa irriversibbli (il-klijent ma jistax jerġa' lura għat-tariffa rregolata). Barra minn hekk, it-tariffi standard u ta' ritorn jiffavorixxu l-intrapriżi li jużaw l-elettriku għad-detriment ta' sorsi oħrajn ta' enerġija. Permezz ta' ittra tal-25 ta' Ġunju 2009, li tesprimi l-osservazzjonijiet tagħha dwar id-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, Poweo pprovdiet dejta supplimentari dwar il-metodu tal-ħolqien tal-offerti tal-prezzijiet tagħha.

(70) ENEL, permezz ta' ittra tal-21 ta' Settembru 2007, tqis li t-tariffi antiki huma wisq baxxi, u li t-tariffi ta' ritorn ifixklu lill-operaturi alternattivi. L-intrapriża żżid tgħid li s-siti l-ġodda kellhom dritt għat-tariffi storiċi minkejja l-opinjoni tal-Kunsill tal-Istat Franċiż kompetenti dwar il-kwistjoni. Permezz ta' ittra tas-27 ta' Mejju 2009, l-ENEL iżżid tgħid li t-tariffi rregolati ħodor u sofor huma inqas mit-tariffi tas-suq u ma segwewx il-varjazzjonijiet ta' dawn, filwaqt li jxekklu l-iżvilupp ta' kull kompetizzjoni. Barra minn hekk, il-kumpens previst favur fornituri fil-mekkaniżmu tat-tariffa ta' ritorn mhux biżżejjed, u jżid il-vantaġġ li jirriżulta għall-klijenti. Finalment, it-tariffa ta' ritorn ma tippermettix lill-fornituri li jkopru l-ispejjeż tal-ġenerazzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tagħhom u lanqas ma tippermetti rimunerazzjoni biżżejjed tal-kapital investit. Din kienet ta' ostakolu għall-iżvilupp tal-kompetizzjoni fis-suq Franċiż.

(71) Electrabel, permezz ta' ittra tad-19 ta' Settembru 2007, tqis li l-għajnuna tagħti vantaġġ lil ċerti fornituri tal-elettriku. Il-kumpens imħallas lil ċerti fornituri mhux se jiddependi mid-differenza tal-fatturat bejn il-prezz tal-kuntratt u t-tariffa ta' ritorn, iżda se jkun ikkalkolat skont l-ispejjeż tal-provvista tal-fornitur. Għalhekk ma jkun hemm l-ebda korrelazzjoni bejn it-telf fid-dħul imġarrab mill-fornitur u l-kumpens irċevut, li suppost se jikkumpensa dan it-telf. Fir-rigward tal-eżistenza ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali li se jkunu responsabbli għalih il-klijenti, li tassew jibbenefikaw mit-tariffa ta' ritorn, Electrabel tqis li din mhix qed tintwera. Fl-ittra tagħha tas-26 ta' Ġunju 2009, Electrabel iżżid tgħid li t-tariffa ta' ritorn twassal għall-iżvilupp ta' offerti uniformi mill-fornituri tal-elettriku u ttellifhom milli jkunu kreattivi. Kważi s-siti kollha tal-klijenti ta' Electrabel talbu li jibbenefikaw mit-tariffi ta' ritorn. It-tariffa ta' ritorn kienet tinvolvi l-esklużjoni gradwali tal-fornituri alternattivi għall-vantaġġ tal-EDF, għaliex, b'tariffa ugwali,

il-klijenti spiss jippreferu lil din tal-aħħar. Electrabel taħseb li jeżisti vantaġġ għall-fornituri tal-elettriku bi ħsara għal sorsi oħrajn tal-enerġija bħall-gass naturali. Fir-rigward tat-tariffa ta' ritorn, din hija selettiva safejn il-possibbiltà li wieħed jibbenefika minnha tkun tiddependi mid-data tal-eliġibbiltà tas-sit li hija stess tiddependi mid-daqs tas-sit.

(72) Intrapriża li tkun talbet il-kunfidenzjalità tqis li t-tariffi rregolati huma għajnuna mill-Istat favur l-EDF, għaliex it-tariffa blu hija ogħla mit-tariffa tas-suq. Peress li l-EDF tibbenefika minn monopolju de facto għall-applikazzjoni ta' dawn it-tariffi, din tirċievi vantaġġ partikolari. Waħda mill-kumpaniji sussidjarji ta' din l-intrapriża ġiet impedita milli tidħol fis-suq Franċiż minħabba t-tariffi ta' ritorn. Id-dħul fis-suq diġà kien diffiċli minħabba l-livell tat-tariffi tal-operaturi u tal-ispejjeż l-oħrajn (speċjalment it-tariffa tal-aċċess għan-netwerk) għall-klijenti li jibbenefikaw mit-tariffa ħadra u mit-tariffa safra. It-tariffa ta' ritorn kienet toħloq diffikultà addizzjonali, minħabba l-livell tagħha.

*Il-klijenti*

(73) Fl-osservazzjonijiet tat-13 ta' Awwissu 2007, Uniden (l-Unjoni tal-industriji li jużaw l-enerġija) tqis li l-funzjonament imperfett tas-suq iwassal għall-ħtieġa tat-tariffi rregolati. It-tariffi tranżitorji mhumiex riżorsi tal-Istat minħabba li jippermettu lill-operaturi alternattivi li jkollhom aċċess għall-elettriku mill-enerġija nukleari u idrawlika li ma jużawx filwaqt li tkun żgurata kopertura tal-ispejjeż għall-operaturi diġà stabbiliti. Is-selettività ma seħħitx għaliex l-istruttura tat-tariffi tissodisfa dik tal-ispejjeż reali għal kull kategorija ta' klijenti.

(74) Fit-28 ta' Mejju 2009, fl-osservazzjonijiet tagħha dwar id-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, UNIDEN ikkontestat l-analiżi tal-Kummissjoni dwar is-selettività tat-tariffi, peress li ma tikkunsidrax id-differenzi fl-ispejjeż tal-provvista bejn il-gruppi ta' klijenti. Id-distinzjoni bejn l-applikazzjoni tat-tariffa ta' ritorn matul il-kuntratt u l-firma ta' kuntratt direttament għat-tariffa ta' ritorn għalkemm hija apparentement raġonevoli fir-realtà tidher żbaljata. Fil-fatt, il-prezz ikun biss komponent tal-valur ekonomiku globali ta' kuntratt ta' provvista. Il-konsumaturi jagħtu valur ukoll lill-istabbiltà u l-viżibbiltà tal-prezz li jħallsu għall-provvista tal-elettriku tagħhom. Kuntrarjament għal dak li huwa indikat fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, it-tariffa ta' ritorn ġiet imposta fuq il-konsumatur, tkun xi tkun id-domanda tiegħu. Fil-fatt jeżistu eżempji konkreti ta' domandi mhux sodisfatti għal kuntratti li jmorru lil hinn minn Ġunju 2010 u għal konsumaturi li mhux neċessarjament kienu jitolbu l-applikazzjoni tat-tariffa ta' ritorn. Għalhekk, il-kalkolu ta' "vantaġġ ekonomiku" possibbli huwa qarrieqi peress li l-mekkaniżmu ġie impost fuq il-konsumaturi. Jidher diffiċli, fir-rigward tal-ewwel perjodu ta' applikazzjoni tat-tariffa ta' ritorn, li tiġi invokata s-selettività peress li l-mekkaniżmu kien limitat għall-konsumaturi li kienu għamlu t-talba qabel it-30 ta' Ġunju 2007. Kull konsumatur fil-fatt kellu 6 xhur biex jieħu deċiżjoni li tagħtih sigurtà u viżibbiltà tal-prezzijiet għal sentejn. Bl-istess mod, hija miżura li tagħmel sens li fil-ġestjoni tat-tariffi ta' ritorn ma jkunx permess li wieħed jerġa' lura, li għandha l-għan uniku li timpedixxi mġiba ta' arbitraġġ bejn il-prezz tas-suq u t-tariffa ta' ritorn billi l-istaġjonalità tat-tariffa ta' ritorn tiġi stabbilita bil-quddiem, u dik tas-suq tinbidel kontinwament.

(75) Dwar il-finanzjament permezz tar-riżorsi tal-Istat, il-konsumatur, li ma jkunx ibbenefika mit-tnaqqis mistenni mill-kontribuzzjoni għas-servizz pubbliku tal-elettriku jkun għalhekk ibbenefika minn għajnuna mill-Istat għalkemm dik il-kontribuzzjoni tkun iffinanzjat il-kumpens tat-tariffa ta' ritorn. Fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-produtturi tal-elettriku mill-enerġija idrawklika jew nukleari, jeħtieġ li wieħed jinnota li l-livell tagħha huwa ferm aktar baxx mid-diskrepanza bejn il-prezz tal-enerġija bit-tariffa ta' ritorn u l-prezz tal-enerġija bit-tariffa l-ħadra jew bit-tariffa prevista minn kuntratti "liberi" permessi b'mod liberu mill-produtturi. UNIDEN tikkonkludi li din il-kontribuzzjoni fir-realtà kull ma tagħmel huw li tnaqqas il-"profitt żejjed" magħmul minn dawn il-produtturi minħabba l-introduzzjoni tas-sistema tat-tariffi ta' ritorn.

(76) Is-CLEE (Comité de liaison des entreprises ayant exercé leur éligibilité), permezz ta' ittra tas-16 ta' Awwissu 2007, indika li l-funzjonament tas-suq Franċiż tal-elettriku kien ħażin u li l-prezzijiet mitluba fis-suq ħieles ma kienux jirriflettu l-ispejjeż tal-ġenerazzjoni. Il-prezz tas-suq miżmum bħala referenza mill-Kummissjoni skont dan kien ħażin. Il-finanzjament tat-tariffa ta' ritorn mhux se jiġi mir-riżorsi tal-Istat iżda mill-konsumaturi u l-produtturi li jiksbu marġni billi jbiegħu bit-tariffa ta' ritorn. Peress li t-tariffa ta' ritorn kienet miftuħa għal kulħadd, is-CLEE jikkontesta s-selettività tagħha. Permezz ta' ittra tat-2 ta' Ġunju 2009, is-CLEEE jżid jgħid li t-tariffa ta' ritorn ma tikkostitwixxix vantaġġ, għaliex tillimita biss iż-żvantaġġ li jġarrbu l-klijenti li ma jkunux għadhom jużaw it-tariffi rregolati u ma jkunux jistgħu jerġgħu lura għalihom. Is-CLEEE iqis li l-prezz tas-suq ma jistax jitqies bħala indikatur biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku, peress li huwa r-riżultat ta' mekkaniżmi mhux adegwati għad-distorsjoni tas-suq. Is-CLEEE jikkontesta l-fatt li t-tariffa ta' ritorn hija selettiva għaliex skont hu hija miftuħa għall-konsumaturi kollha li jkunu eżerċitaw l-eliġibbiltà tagħhom u ma tiffavorixxi l-ebda sit, l-ebda intrapriża, l-ebda settur ta' attività u l-ebda żona ġeografika.

(77) Is-CLEEE jinsisti fuq l-istruttura u l-livell tat-tariffa ta' ritorn u jispjega d-distinzjoni essenzjali bejn il-profil tal-konsum u l-volum tal-konsum. Il-"partijiet *rubans*" tat-tariffa ta' ritorn skont hu huma pjuttost identiċi, kuntrarjament għall-impressjoni li jagħtu l-elementi disponibbli għall-Kummissjoni. It-tariffa ta' ritorn mhux se tkun ta' vantaġġ għall-konsumaturi l-kbar nett tal-elettriku għad-detriment tal-iżgħar fosthom. Is-CLEEE jikkontesta li t-tariffa ta' ritorn tkun ikkunsidrata bħala waħda li tirriżulta mir-riżorsi tal-Istat u li l-kundizzjoni tal-effett fuq il-kummerċ tiġi stabbilita hawnhekk, b'mod partikolari peress li l-Kummissjoni ma tistabbilixxix li t-tariffa ta' ritorn se tkun aktar baxxa mill-ispejjeż tal-bejgħ u lanqas li l-konsumaturi li jibbenefikaw mit-tariffa ta' ritorn jixtru

l-elettriku taghhom bi prezz aktar baxx mill-kompetituri taghhom fl-Ewropa li ghadhom jibbenefikaw ta' spiss minn tariffi rregolati. Is-CLEEE jżid jghid li t-tariffa ta' ritorn (meta wiehed jikkunsidraha bhala ghajnuna mill-Istat, li mhuwiex il-każ fl-opinjoni tieghu) se tkun kompatibbli mat-tariffa. Fil-fatt, l-Artikolu 30-1 tal-Liġi tad-9 ta' Awwissu 2004 dwar is-servizz pubbliku tal-elettriku u tal-gass u dwar l-intrapriżi tal-elettriku u tal-gass kien ikkwalifika t-tariffa ta' ritorn tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali imposta fuq l-intrapriżi tas-settur tal-elettriku. Is-CLEEE fakkar sa liema punt din il-miżura kienet mehtieġa biex tipproteġi lill-konsumaturi li jkunu eżerċitaw l-eliġibbiltà taghhom u fl-istess hin kienet proporzjonali u ma kinitx taffettwa l-kummerċ b'mod eċċessiv.

(78) Is-SNC Paris Voltaire, permezz ta' ittra tal-20 ta' Lulju 2009, qies li l-finanzjament u l-aġġustament ġeografiku tal-provvista tal-elettriku lit-territorji mhux interkonnessi permezz tal-kontribuzzjoni ghas-servizz pubbliku tal-elettriku hija ghajnuna mill-Istat.

## V. **OSSERVAZZJONIJIET TA' FRANZA**

79) Fl-osservazzjonijiet taghhom dwar id-deċiżjoni ta' ftuh tal-proċedura, l-awtoritajiet Franċiżi jikkontestaw l-analiżi maghmula mill-Kummissjoni

*Kummenti dwar it-tariffi standard*

(80) Fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ, Franza tqis li:

(a) id-diskrepanza possibbli bejn il-livell tat-tariffi standard u l-prezzijiet osservati fil-boroż tal-elettriku, b'mod partikolari Powernext, hija evidentement temporanja (bejn l-1999 u l-2004, dawn tal-ahhar kienu aktar baxxi mit-tariffi rregolati);

(b) ir-referenza ghall-prezzijiet tal-boroż tal-elettriku mhix rilevanti, billi l-biċċa l-kbira tal-elettriku mixtri mill-intrapriżi jinxtara barra l-borża u l-prezzijiet osservati f'Powernext mhumiex ġustifikati mill-elementi fundamentali ekonomiċi li jiddeterminaw ir-realtà tat-tranżazzjonijiet bejn ix-xerrejja u l-produtturi tal-elettriku.

(81) Meta jiġu kkunsidrati dawn iż-żewġ raġunijiet, Franza tikkonkludi li t-tariffi standard ma jikkostitwixxux vantaġġ ghall-intrapriżi li jibbenefikaw minnhom.

(82) L-awtoritajiet Franċiżi jikkontestaw ukoll is-selettività tat-tariffi standard u jiddikjaraw li huwa raġonevoli u ekonomikament koerenti li t-tariffi standard ma jkollhomx l-istess impatt finanzjarju (fi flus) ghal konsumatur kbir u konsumatur żghir tal-elettriku u li l-ispiża ma tkunx proporzjonali mal-volum ikkunsmat minhabba l-varjetà tal-prezzijiet tal-mezzi tal-ġenerazzjoni. Skont Franza, ir-regolazzjoni tat-tariffi standard tikkostitwixxi miżura ġenerali ta' regolazzjoni tal-prezzijiet applikabbli ghall-impriżi kollha li jikkunsmaw l-elettriku li ma jkunux ghażlu li jeżerċitaw l-eliġibbiltà taghhom u li jiksbu aċċess ghas-suq hieles.

(83) L-awtoritajiet Franċiżi jikkontestaw l-argument tal-implimentazzjoni tar-riżorsi pubbliċi ghal żewġ raġunijiet:

(a) it-tariffi standard ma jwasslux ghall-użu tal-ebda riżorsa baġitarja jew fiskali u ma tellfux lill-EDF milli tikseb riżultati pożittivi;

(b) it-tariffi standard, li jirriflettu s-sisien tas-suq tal-elettriku u l-ispejjeż taż-żona ta' ġenerazzjoni tal-EDF, jikkostitwixxu l-livell tajjeb tal-prezz tal-bejgh tal-elettriku u ghalhekk ma jistghux jiġu kkunsidrati bhala telf ghall-EDF.

(84) Franza żżid tghid li, peress li m'hemm l-ebda effett negattiv fuq il-kompetizzjoni, il-kummerċ transkonfinali ma jistax jiġi affettwat.

*Kummenti dwar it-tariffi ta' ritorn*

(85) Franza tafferma li t-tariffa ta' ritorn ma tikkostitwixxix ghajnuna mill-Istat.

(86) Skont Franza, it-tariffa ta' ritorn hija bbażata fuq żieda sempliċi fit-tariffi standard billi tiġi ppreservata l-istruttura kollha taghhom. Peress li l-kunċett ta' vantaġġ fir-rigward tal-klijenti finali li jkollhom offerti mhux irregolati mhuwiex rilevanti fil-qafas tat-tariffi standard, dan *a fortiori* mhux rilevanti fil-qafas tat-tariffa ta' ritorn. Bl-istess mod, in-nuqqas ta' eżenzjoni tal-imposti ghall-klijenti finali li jużaw it-tariffi standard jimplika neċessarjament nuqqas ta' eżenzjoni tal-imposta ghal dawk li jużaw it-tariffa ta' ritorn.

(87) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, ir-regolazzjoni tat-tariffa ta' ritorn tikkostitwixxi miżura ġenerali ta' regolazzjoni tal-prezzijiet applikabbli ghall-intrapriżi kollha li jikkunsmaw l-elettriku.

(88) L-awtoritajiet Franċiżi jiċhdu li hemm xi finanzjament mir-riżorsi pubbliċi. Fil-fatt, l-imputabbiltà tal-miżura lill-Istat, f'dan is-sens li l-miżura hija imposta minn liġi, mhix biżżejjed biex tikkaraterizza t-trasferiment tar-riżorsi pubbliċi. B'mod aktar speċifiku, il-parti tal-kumpens li jhallsu l-konsumaturi finali permezz tal-kontribuzzjoni ghas-servizz pubbliku tal-elettriku teskludi r-rabta mar-riżorsi pubbliċi. L-awtoritajiet Franċiżi ghalhekk iqisu li l-użu ta' parti mid-dhul tal-kontribut ghas-servizz pubbliku tal-elettriku biex tappoġġa s-sistema ta' kumpens tal-forrnituri li jibbenefikaw mit-tariffa ta' ritorn ma ghandux jitqies bhala wiehed li jinvolvi trasferiment tar-riżorsi pubbliċi. Il-parti l-ohra tal-kumpens hija ffinanzjata mill-kontribuzzjoni mehuda minghand il-produtturi tal-elettriku idronukleari, ikun xi jkun l-istatus pubbliku jew privat taghhom, li ghandhom mezzi ta' ġenerazzjoni tal-elettriku kbar (b'limitu ta' 2 000 MW) u kkaratterizzati minn spejjeż baxxi u amortizzazzjoni fi stadju avvanzat. Din il-kontribuzzjoni m'ghandhiex twassal ghall-kunsiderazzjoni li hemm trasferiment dirett jew indirett tar-riżorsi pubbliċi.

(89) Franza tirreferi għas-Sentenza "PreussenElektra AG" mogħtija mill-Qorti fil-Każ C-379/98 (il-Punt 58) ([1]): "il-ġurisprudenza rrikonoxxiet li huma biss il-vantaġġi mogħtija direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat li jiġu kkunsidrati bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 92(1) tat-Trattat". F'dan ir-rigward, jista' jiġi nnutat li ma teżisti l-ebda rabta diretta jew indiretta bejn il-mekkaniżmu (operazzjonijiet ta' ħlas jew ta' ħlas lura) u r-riżorsi pubbliċi tal-Istat, anke permezz tal-intervent tal-Uffiċċju tad-depożiti u tal-kunsinni. Fil-fatt, l-Uffiċċju tad-depożiti u tal-kunsinni għandu biss rwol kompletament trasparenti. L-Uffiċċju tad-depożiti u tal-kunsinni fl-ebda ħin m'għandu l-inqas kompetenza fid-determinazzjoni tal-ammont jew l-iskop tas-somom irkuprati u allokati mill-ġdid. Dawn is-somom huma kontabilizzati f'kont separat u m'huma soġġetti għall-ebda konfużjoni mar-riżorsi li fuqhom l-Uffiċċju tad-depożiti u tal-kunsinni jeżerċità setgħa ta' ġestjoni. L-intervent tal-Uffiċċju tad-depożiti u tal-kunsinni huwa garanzija tas-sempliċità u t-trasparenza fil-kummerċ bejn il-kontributuri u l-benefiċjarji tal-kumpens.

*Kummenti dwar l-osservazzjonijiet ta' partijiet terzi*

(90) Franza ppreżentat il-kummenti tagħha dwar l-osservazzjonijiet tal-partijiet terzi fil-31 ta' Jannar 2008. Hija tfakkar li l-prezzijiet osservati fil-boroż tal-elettriku ma jistgħux jitqiesu bħala referenza. Fil-fatt, il-prezz osservat fil-boroż tal-elettriku fi Franza jirrifletti l-ispiża tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fil-Ġermanja, kemm jekk dan l-elettriku jiġi distribwit fi Franza jew le. Għalhekk, hija tikkummenta li l-volumi skambjati fil-boroż tal-elettriku mhumiex kollha distribwiti: madwar 10 % tal-volumi skambjati fis-suq b'rata ffissata bil-quddiem ta' Powernext huma fil-fatt distribwiti. Franza żżid tgħid li l-prezzijiet osservati fil-boroż tal-elettriku ma jirriflettux il-prezz tal-kuntratti attwali tal-konsumaturi finali.

(91) Franza tafferma li, fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' kumpens tat-tariffa ta' ritorn, il-kumpens żejjed mhux possibbli. Hija tfakkar li s-sistema ġiet stabbilita wara konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet kollha involuti, bl-għan kostanti li jiġu limitati kemm jista' jkun l-effett dead-weight u ta' opportunità u dan, taħt il-kontroll tal-KRE. Din taħdem kif ġej: kull fornitur li jipprovdi l-elettriku lil klijent finali bit-tariffa ta' ritorn jista' jibbenefika minn kumpens Il-kumpens huwa kkalkolat bħala d-differenza bejn id-dħul tiegħu bit-tariffa ta' ritorn (f'euro/MWh) u l-ispejjeż tal-provvista tiegħu. Dawn tal-aħħar madankollu huma limitati minn spiża tal-provvista teoretika ddeterminata b'referenza għall-prezzijiet osservati fil-boroż tal-elettriku (dan jinvolvi bejn wieħed u ieħor medja peżata tal-prezzijiet differenti osservati fil-boroż tal-elettriku). Il-limitu tal-ispejjeż tal-provvista għal sena N ikun magħruf kompletament biss fl-aħħar ta' din l-istess sena N. Jidher diffiċli li tiġi stabbilita strateġija li tista' effettivament tippermetti kumpens żejjed. Meta wieħed jassumi li operatur jasal li jiżviluppa strateġija bħal din, din tkun sanzjonata mill-KRE, il-korp responsabbli mill-applikazzjoni ta' din is-sistema.

([1]) Is-Sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, Ġabra 2001 Paġna I-02099.

(92) L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li, jekk il-Kummissjoni kellha tasal għall- konklużjoni, li huma jikkontestaw, li t-tariffi standard u t-tariffa ta' ritorn huma għajnuna, din għandha tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli skont l-Artikolu 106(2) tat-TFUE, interpretat skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/54/KE. Bl-istess mod, dawn it-tariffi għandhom jiġu kkunsidrati, skont l-awtoritajiet Franċiżi, bħala għajnuna kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE, minħabba li din taġġusta falliment fis-suq. Fi kwalunkwe każ, it-tariffi standard għandhom jiġu kwalifikati bħala għajnuna eżistenti, minħabba li ġew applikati qabel il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku. Finalment, jekk il-Kummissjoni tirrifjuta li tikkunsidra t-tariffi standard bħala għajnuna eżistenti, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li jkunu ġġustifikati li jaffermaw il-prinċipji tal-aspettattivi leġittimi u ċ-ċertezza legali.

*Kummenti dwar l-estensjoni tal-proċedura*

(93) L-awtoritajiet Franċiżi jaffermaw l-analiżi li ppreżentaw bi tweġiba għad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura. Fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ, huma jindikaw li jekk wieħed jassumi wkoll li l-prezzijiet osservati fil-boroż tal-elettriku jistgħu jkunu kkunsidrati bħala referenza rilevanti, kuntrarjament għall-perjodu bejn l-2004 u l-2007, il-prezzijiet tas-suq huma fl-istess livell bħat-tariffa ta' ritorn fl-2009.

(94) Fir-rigward tas-selettività, huma jaffermaw li t-tariffa ta' ritorn għandha l-għan li tevita l-arbitraġġ bejn sistema rregolata u l-prezzijiet tas-suq. It-tariffa ta' ritorn xejn mhi selettiva, iżda hija miżura ġenerali: l-atturi għandhom iqisu dan waqt l-għażliet tagħhom rigward l-offerti tal-forniment tal-elettriku. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li l-Qorti tqis li miżura statali li tkun ta' benefiċċju mingħajr distinzjoni għall-intrapriżi kollha li jinsabu fit-territorju nazzjonali x'aktarx li ma tkunx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Franza żżid tgħid li t-tariffi differenti tat-tariffa ta' ritorn jiddependu fuq kriterji oġġettivi u tekniċi, li huma wkoll l-istess kriterji li jintużaw għat-tariffa standard.

(95) Skont Franza, il-kunċett tas-selettività għandu jiġi analizzat fid-dawl tal-kundizzjonijiet kollha offerti mis-suq lill-intrapriżi kollha. Dan huwa rilevanti u operazzjonali biss jekk is-sistema analizzata tkun tikkostitwixxi vantaġġ deċiżiv għall-profitt ta' kategorija partikolari ta' atturi tas-suq, għad-detriment tal-kategoriji l-oħrajn. Issa, dan mhuwiex il-każ f'din is-sitwazzjoni. Jekk l-intrapriżi l-oħrajn, b'mod ġenerali, ma rreġistrawx għat-tariffa ta' ritorn, huwa għaliex kellhom kundizzjonijiet ta' provvista bi prezz tas-suq aktar favorevoli. Fl-ebda każ mhuma żvantaġġati minħabba l-eżistenza ta' din is-sistema. Is-selettività tista' tiġi analizzata biss fir-rigward tan-natura tal-intrapriżi kkonċernati: kull waħda tistabbilixxi l-istrateġija proprja tagħha billi tisfrutta mill-aħjar, skont il-karatteristiċi uniċi għaliha, il-possibbiltajiet offruti fir-rigward tal-ispiża tal-provvista. Issa għandu jiġi nnutat li t-tariffa ta' ritorn ġiet irreġistrata mill-kategoriji kollha tal-intrapriżi. M'hemm l-ebda waħda li ġiet eskluża.

(96) Dwar l-eżistenza u l-implimentazzjoni tar-riżorsi pubbliċi, Franza tindika, bi tweġiba għall-Punt 77 tad-Deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, li l-grupp privat GDF Suez, li jagħmel użu minn 3 000 MW ta' elettriku idrawliku mill-fluss tal-ilma għal prezz kompetittiv (madwar EUR 30/MWh, inkluża l-imposta), mhuwiex ikkumpensat. Barra minn hekk, l-EDF u GDF Suez, anke jekk m'għandhomx l-istess status, xorta jiġu ttrattati eżattament skont l-istess kundizzjonijiet fir-rigward tal-finanzjament tas-sistema tat-tariffa ta' ritorn. L-awtoritajiet Franċiżi għalhekk jiċħdu l-fatt li ġew implimentati riżorsi pubbliċi minħabba li l-EDF tipparteċipa fil-finanzjament tas-sistema.

(97) Dwar l-effett fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li l-Kummissjoni hija responsabbli biex tipprovdi l-prova li l-kompetizzjoni qed tiġi affettwata billi tikkunsidra intrapriżi li jinsabu eżattament fl-istess sitwazzjoni fattwali u legali. Fi kwalunkwe każ, it-tariffa ta' ritorn ma tbiddilx il-fatt preċedenti li l-intrapriżi li jinsabu fis-suq Franċiż setgħu jibbenefikaw mill-kompetittività tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku Franċiżi, li essenzjalment ġejjin mill-enerġija elettrika-nukleari.

## VI. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURI – L-EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT

(98) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jgħid hekk: "Ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

(99) Meta miżura tagħti vantaġġ lil xi intrapriżi jew lil ċerti produzzjonijiet, kemm jekk din il-miżura tkun selettiva, kemm jekk tkun iffinanzjata minn riżorsi tal-Istat u kif ukoll jekk tkun taffettwa jew thedded li taffettwa l-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri, din tkun għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(100) Il-Kummissjoni analizzat l-eżistenza ta' element ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE favur klijenti mhux residenzjali li jibbenefikaw minn waħda miż-żewġ sistemi ta' tariffi li huma s-suġġett ta' din il-proċedura. Barra minn hekk, fir-rigward tat-tariffi standard, il-Kummissjoni llimitat l-investigazzjoni tagħha għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2004, id-data tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku. Fil-fatt huwa f'din id-data li l-klijenti kollha mhux residenzjali saru eliġibbli, b'applikazzjoni tad-Direttiva 2003/54/KE. Qabel, minorità żgħira ta' intrapriżi biss kienet eliġibbli.

### Selettività

(101) Tista' tiġi kkunsidrata bħala selettiva fir-rigward tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, miżura ta' għajnuna trid tiffavorixxi ċerti intrapriżi jew ċerti produzzjonijiet, u dan il-fatt jiddistingwiha mill-miżuri ġenerali applikabbli għas-setturi kollha tal-ekonomija.

(102) Il-Kummissjoni tqis li l-fatt li t-tariffi standard u ta' ritorn huma fil-prinċipju applikabbli għall-intrapriżi kollha li jikkunsmaw l-elettriku ma jippermettix li jiġi konkluż li dawn il-miżuri huma miżuri ġenerali. Fil-fatt, biex jiġu kwalifikati bħala ġenerali, jeħtieġ li l-miżuri inkwistjoni jkunu applikabbli għall-intrapriżi kollha u mhux biss għal dawk li jikkunsmaw l-elettriku, li xi wħud minnhom jistgħu jiffavorixxu dan il-konsum meta mqabbla ma' intrapriżi oħrajn li jużaw sorsi oħrajn tal-enerġija.

(103) Issa, il-miżuri ta' tariffi inkwistjoni huma selettivi peress li jiffavorixxu intrapriżi li jikkunsmaw l-enerġija elettrika meta mqabbla ma' dawk li jużaw l-enerġija fossili, bħall-faħam, iż-żejt mhux raffinat u l-prodotti sekondarji tiegħu jew, sa ċertu punt il-gass, indipendentement mill-fatt li l-prezzijiet ta' dan tal-aħħar ukoll huma rregolati. Barra minn hekk, miżuri ta' tariffi bħal dawn jiffavorixxu, de facto, l-intrapriżi li l-aktar li jikkunsmaw elettriku billi l-vantaġġ li jieħdu minnhom evidentement jiżdied mal-livell ta' konsum tal-elettriku.

(104) Barra minn hekk, teżisti selettività bejn l-intrapriżi li jikkunsmaw l-elettriku minħabba r-regoli introdotti li jistabbilixxu kategoriji ta' intrapriżi li jistgħu jew ma jistgħux jibbenefikaw mit-tariffi rregolati. Il-karattru irriversibbli tal-eżerċizzju tal-eliġibbiltà bejn it-tariffi tas-suq u t-tariffi rregolati, previst mill-Artikolu 66 tal-Liġi Nru 2005-781 tat-13 ta' Lulju 2005, jinvolvi element ta' selettività evidenti: l-intrapriżi li jkunu għażlu li jibdlu għat-tariffa tas-suq ma jistgħux ikomplu jibbenefikaw mit-tariffi standard. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-kriterji li jirrappreżentaw id-dati li fihom tkun saret l-għażla li wieħed jeżerċita l-eliġibbiltà tiegħu jew dawk li fihom ikunu saru t-talbiet biex wieħed jiġi pprovdut b'sistema ta' tariffi għandha l-effett addizzjonali li tillimita l-benefiċċju tat-tariffi għal ċerti intrapriżi, filwaqt li teskludi oħrajn.

(105) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tariffi standard sofor u ħodor u t-tariffi ta' ritorn għandhom karattru selettiv fir-rigward tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, peress li japplikaw biss għall-intrapriżi li jikkunsmaw l-elettriku, anke jekk japplikaw għal għadd kbir ta' intrapriżi li jużaw aktar minn 400 000 sit ta' konsum tal-elettriku fi Franza. Fil-fatt, la l-għadd kbir ta' intrapriżi benefiċjarji u lanqas id-diversità tas-setturi li jappartjenu għalihom dawn l-intrapriżi ma jippermettu li miżura tal-Istat tiġi kkunsidrata bħala miżura ġenerali.

(106) Huwa fl-istadju tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tat-tariffi mas-suq intern u mhux f'dak tal-evalwazzjoni tas-selettività tagħhom li jeħtieġ li tiġi eżaminata l-applikazzjoni tagħhom għal taqsimiet kbar ħafna tas-setturi ekonomiċi li bbenefikaw u qed jibbenefikaw minnhom.

### Vantaġġ ekonomiku

(107) Ikun hemm vantaġġ fir-rigward tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE jekk miżura tal-Istat tkun tippermetti lil intrapriża biex ma ġġarrabx spejjeż li normalment ikollha ġġarrab fin-nuqqas tal-miżura. Il-forniment tal-enerġija taħt kundizzjonijiet preferenzjali li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni nazzjonali x'aktarx li jaqa' fi ħdan id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, peress li l-pagament tal-provvista

tal-elettriku huwa evidentement spiża kurrenti li intrapriża normalment ikollha tħallas. Għalhekk jeħtieġ li jiġi analizzat jekk il-miżuri inkwistjoni jwasslux għal tnaqqis ta' din l-ispiża.

*Tqabbil mar-referenza tal-prezzijiet tas-suq*

(108) Il-Kummissjoni analizzat jekk it-tariffi standard u ta' ritorn kienu jippermettu lill-benefiċjarji tagħhom li jiksbu l-elettriku bi prezz aktar vantaġġuż minn dak aċċettat fin-nuqqas tagħhom, jiġifieri l-prezzijiet tas-suq. Barra minn hekk, kif jidher li jikkonferma d-Digriet Ministerjali tat-22 ta' Diċembru 2008, il-prezzijiet tal-elettriku provdut fis-suq ħieles lil sit ta' konsum ta' daqs kbir jew medju għandhom, fin-nuqqas tat-tariffa ta' ritorn, jikkorrispondu fil-biċċa l-kbira ma' kombinazzjoni tal-prezzijiet tal-kuntratti tal-futuri bażiċi u l-ogħla osservati fis-suq tal-operaturi, billi din il-kombinazzjoni hija relatata mal-profil tal-konsum tas-sit inkwistjoni.

(109) It-tariffi standard kienu soġġetti għal adattamenti regolari mill-2006, li jidhru fit-Tabella 1. Bejn Jannar tal-2004 u Jannar tal-2012, it-tariffi standard sofor żdiedu b'21 % u t-tariffi ħodor bi 23,8 %. Dawn iż-żidiet madankollu ma ppermettewx li tkun żgurata l-kopertura tal-ispejjeż tal-ġenerazzjoni mill-parti "provvista" tat-tariffi standard. Fil-fatt, jirriżulta mit-tqabbil tad-dejta fit-Tabella 2 mal-prezzijiet deskritti fil-Premessi (43) sa (45) li, mill-2004, il-parti "provvista" tat-tariffi standard sofor u ħodor tinsab sistematikament mill-inqas 25 % anqas mill-prezzijiet osservati fis-swieq.

(110) Fir-rigward tat-tariffi ta' ritorn sofor u ħodor, dawn żdiedu bi 13 % u 16 % rispettivament fil-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom bejn l-2007 u l-2011. Għat-tariffi ta' ritorn ħodor, l-investigazzjoni tal-parti provvista tagħhom stmata fir-rigward tar-referenzi tal-prezzijiet tas-suq turi l-eżistenza ta' vantaġġ ta' mill-inqas 9 % kull sena tal-perjodu eżaminat. Fir-rigward tat-tariffi ta' ritorn sofor, it-tqabbil mal-prezzijiet tal-provvista bażiċi juri vantaġġ annwali li madankollu mhuwiex sistematiku. Bħala medja fil-perjodu, dawn kienu 13 % aktar baxxi mill-prezzijiet tas-suq. Barra minn hekk, it-tariffi sofor li jikkonċernaw l-intrapriżi medji, li x'aktarx ikollhom konsum aktar qawwi fil-"peaks", u dan iwassal għal sottovalutazzjoni tat-tqabbil ibbażat fuq kuntratti bażiċi.

(111) Minn dan jirriżulta li kemm b'mod konsistenti kull sena għat-tariffi standard u t-tariffi ħodor ta' ritorn u bħala medja għat-tariffi sofor ta' ritorn matul il-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom, l-applikazzjoni tat-tariffi inkwistjoni tat vantaġġ ekonomiku lill-intrapriżi benefiċjarji li ma setgħux jiksbu taħt il-kundizzjonijiet tas-suq.

*Evalwazzjoni tas-sitwazzjoni mir-regolatur (KRE) u l-ġurisdizzjoni amministrattiva (il-Kunsill tal-Istat)*

(112) Ir-riżultati tat-tqabbil mal-prezzijiet tas-suq li juru l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku huma kkonfermati mill-Opinjoni tal-KRE dwar l-abbozz ta' digriet tal-10 ta' Awwissu 2006 dwar il-prezzijiet tal-elettriku. F'din l-Opinjoni, il-KRE indikat li l-parti "provvista" tat-tariffi standard mhux dejjem kienet tirrifletti r-realtà tal-ispejjeż tal-provvista, u li kienet, b'mod partikolari, żejda, jew negattiva, għal ċerti klijenti li jibbenefikaw mit-tariffi ħodor u sofor ([1]).

(113) Bl-istess mod, fl-Opinjoni tagħha tat-23 ta' Lulju 2009 dwar l-abbozz ta' digriet dwar it-tariffi rregolati tal-bejgħ tal-elettriku, il-KRE tindika li n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tat-TURPE fit-tariffi rregolati tal-bejgħ s'issa kien sistematikament ikkawża nases tariffarji, jiġifieri sitwazzjonijiet fejn il-parti ġenerazzjoni ta' tariffa, miksuba mit-tnaqqis ta' dawn it-tariffi integrati tat-TURPE fis-seħħ u tal-ispejjeż tal-kummerċjalizzazzjoni, hija sostanzjalment aktar baxxa mill-parti ġenerazzjoni li tippermetti l-kopertura tal-ispejjeż tal-ġenerazzjoni.

(114) Għalhekk, il-KRE tindika, fl-Opinjoni tagħha tal-10 ta' Awwissu 2009 dwar it-tariffi tal-elettriku, li bit-tariffi fis-seħħ minn Awwissu 2008, 222 000 sit, li parti minnhom jibbenefikaw mit-tariffi sofor jew ħodor, li jirrappreżentaw konsum ta' 2 200 GWh, jinsabu f'nassa ta' tariffa msejħa "profonda", jiġifieri b'parti "provvista" inerenti ta' inqas minn EUR 20/MWh. Għas-siti tal-konsum tas-sajf, li kollha jibbenefikaw mit-tariffi sofor u ħodor, 22 000 sit (konsum ta' 1 200 GWh) jinsabu f'nassa tariffarja profonda, 7 500 minnhom b'parti provvista negattiva.

(115) Il-moviment tat-tariffi ta' Awwissu 2009 ppermetta li jitnaqqsu n-nases tariffarji profondi bi 82 % fin-numru ta' siti u tal-volum, filwaqt li 1 500 sit baqgħu f'nassa profonda. Il-moviment tat-tariffi ta' Awwissu 2010 ppermetta t-tneħħija kważi għal kollox tan-nases profondi peress li ma kienux kkonċernati aktar minn 300 sit.

(116) Il-kalkoli tal-KRE juru l-eżistenza ta' vantaġġ kompetittiv sinifikanti ħafna għall-intrapriżi li jibbenefikaw mit-tariffi ta' rtirar jew ta' konsum matul il-perjodu tas-sajf. Is-siti kollha flimkien li jibbenefikaw mit-tariffi sofor u ħodor li l-parti "provvista" tagħhom hija inqas minn EUR 20/MWh evidentement ma jkunux jistgħu jiksbu tariffa ekwivalenti taħt il-kundizzjonijiet tas-suq normali. Dan ikompli juri li t-tariffi standard jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ għal għadd sinifikanti ta' intrapriżi.

(117) Il-Kunsill tal-Istat, wara talba mressqa minn Poweo għat-tħassir tad-Digriet tat-12 ta' Awwissu 2008 dwar il-prezz tal-elettriku, permezz tad-Deċiżjoni tal-1 ta' Lulju 2010, ikkunsidra li t-tariffi sofor u ħodor li jirriżultaw

([1]) Opinjoni tal-Kummissjoni tar-regolazzjoni tal-enerġija tad-9 ta' Awwissu 2006 dwar l-abbozz ta' digriet dwar il-prezzijiet tal-bejgħ tal-elettriku, taqsima 2.2, it-tieni pagragrafu. http://www.cre.fr/imgAdmin/1161595981902.pdf

mid-Digriet tat-13 ta' Awwissu 2007 ma kinux biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż medji kollha tal-EDF u ordna lill-ministri kompetenti biex joħorġu digriet ġdid.

(118) L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw min-naħa tagħhom li kwalunkwe diskrepanza bejn il-livell tat-tariffi rregolati tal-bejgħ tal-elettriku u l-prezzijiet osservati fil-boroż tal-elettriku, b'mod partikolari Powernext, kienet evidentement temporanja. Mill-Opinjonijiet suċċessivi tal-KRE dwar it-tariffi rregolati tas-snin sussegwenti għall-ftuħ tal-proċedura mill-Kummissjoni jirriżulta li dan ma kienx il-każ.

(119) Franza żżid tgħid li r-referenza għall-prezzijiet tal-boroż tal-elettriku mhix rilevanti, billi l-biċċa l-kbira tal-elettriku mixtri mill-intrapriżi jinxtara barra l-borża u l-prezzijiet osservati f'Powernext mhumiex ġustifikati mill-elementi fundamentali ekonomiċi li jiddeterminaw ir-realtà tat-tranżazzjonijiet bejn ix-xerrejja u l-produtturi tal-elettriku. Il-Kummissjoni għall-kuntrarju tqis li l-prezzijiet tal-elettriku ta' Powernext iservu bħala bażi għall-iżvilupp ta' offerti bi prezzijiet tas-suq mill-forrnituri.

*Indikazzjonijiet li jirriżultaw mill-għażla tal-klijenti fis-suq*

(120) Huwa sinifikanti l-fatt li maġġoranza kbira tal-klijenti eliġibbli għażlet li żżomm it-tariffi standard jew li tibbenefika mit-tariffi ta' ritorn ħodor u sofor. Għalhekk, fit-30 ta' Ġunju 2011, id-data meta spiċċat it-tariffa ta' ritorn, il-KRE indikat li, minn total ta' 4 907 000 sit mhux residenzjali, 4 202 000 kienu jiġu pprovduti bit-tariffi standard u 7 220 bit-tariffa ta' ritorn. F'termini ta' konsum annwalizzat, it-tariffi standard kienu jirrappreżentaw 161 TWh (jiġifieri 54,6 % tal-konsum tas-siti mhux residenzjali) u t-tariffa ta' ritorn 75 TWh (25,4 %). Għalhekk, erba' snin wara l-ftuħ tas-suq kollu għall-kompetizzjoni, is-sehem tas-suq tal-provvista b'tariffa ħielsa laħaq biss l-20 %.

(121) Din l-analiżi hija kkonfermata mill-figuri pprovduti mill-operaturi alternattivi li esprimew l-osservazzjonijiet tagħhom. B'hekk, Electrabel indikat li 90,4 % tal-klijenti tagħha li qabel kienu pprovduti bit-tariffa tas-suq kienu għażlu li jibbenefikaw mit-tariffa ta' ritorn. Skont Electrtabel, bħala medja, matul il-perjodu kollu tal-applikazzjoni tat-tariffa ta' ritorn, il-vantaġġ tal-klijent żdied bħala medja għal EUR 11 għal kull MWh. Poweo tindika li fl-2007, hija kienet ġarrbet telf ta' EUR 33 sa 34/MWh bħala medja għal klijent li jibbenefika mit-tariffa safra u ta' EUR 26,6/MWh bħala medja għal klijent li jibbenefika mit-tariffa ħadra meta jiġu kkunsidrati l-ispejjeż tal-provvista u l-ispejjeż kummerċjali tagħha.

(122) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li jeżisti vantaġġ ekonomiku għall-kategoriji ta' klijenti li jibbenefikaw mit-tariffi standard u t-tariffi ta' ritorn ħodor u sofor

**L-imputabbiltà lill-Istat bl-involviment tar-riżorsi tal-Istat**

(123) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk il-miżuri inkwistjoni jinvolvux riżorsi tal-Istat għall-vantaġġ tal-benefiċjarji u dan, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżorsi tal-intrapriżi pubbliċi, minħabba deċiżjonijiet li ttieħdu minn jew imputabbli lill-Istat.

(124) F'dan il-każ, l-imputabbiltà lill-Istat hija evidenti peress li kemm il-mekkaniżmu tat-tariffi standard kif ukoll dak tat-tariffi ta' ritorn jiġu implimentati permezz ta' atti leġiżlattivi u regolamentari maħruġa mill-Istat Franċiż. Barra minn hekk, il-livell tat-tariffi huwa stabbilit permezz ta' digriet ministerjali għal kull kategorija ta' tariffi. Id-deċiżjonijiet għalhekk huma deċiżjonijiet statali, li fuqhom l-intrapriżi inkarigati mill-eżekuzzjoni tagħhom ma jkollhom l-ebda setgħa.

*Dwar it-tariffi standard*

(125) It-tariffi standard huma ffinanzjati mir-riżorsi tal-EDF u tal-intrapriżi lokali ta' distribuzzjoni, li jbiegħu l-elettriku lill-klijenti tagħhom bi prezz aktar baxx mill-prezz li jirriżulta mill-funzjonament ħieles tas-suq. Jeħtieġ li jiġi analizzat jekk ir-riżorsi tagħhom jistgħux jiġu kklassifikati bħala riżorsi tal-Istat.

(126) L-Istat għandu sehem maġġoritarju fl-EDF. Fil-31 ta' Diċembru 2010, huwa kellu 84,48 % fil-pussess tiegħu. L-EDF għalhekk hija taħt il-kontroll tal-Istat. Din hija intrapriża pubblika, u għalhekk ir-riżorsi tagħha huma riżorsi tal-Istat. Meta konsumatur li jibbenefika mit-tariffa jiġi pprovdut bl-elettriku mill-EDF, id-deċiżjonijiet legali u regolamentari tal-Istat jimponu li l-EDF tipprovdi l-elettriku għal prezz li huwa aktar baxx minn dak li jkun japplika fis-suq, u b'dan il-mod ikunu involuti r-riżorsi li huma taħt il-kontroll pubbliku tal-EDF.

(127) L-elementi mhux ikkontestati msemmija fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura jindikaw li l-intrapriżi lokali tad-distribuzzjoni huma 168. 144 minnhom għandhom l-għamla ta' intrapriżi statali jew ta' kumpaniji pubbliċi-privati. L-intrapriżi statali huma stabbilimenti pubbliċi totalment ikkontrollati mill-awtoritajiet lokali (pereżempju l-muniċipalitajiet). Il-kumpaniji pubbliċi-privati huma kumpaniji b'responsabbiltà limitata li l-kapital tagħhom fil-biċċa l-kbira jinżamm mill-awtoritajiet pubbliċi, u b'hekk ir-riżorsi tagħhom ikunu riżorsi tal-Istat. Dawn l-intrapriżi lokali tad-distribuzzjoni għalhekk huma kkontrollati direttament mill-Istat. Waħda mill-intrapriżi lokali ta' distribuzzjoni hija EPIC (Etablissement Public à caractère Industriel et Commercial (Stabbiliment Pubbliku Industrijali u Kummerċjali)). L-EPICs huma stabbilimenti pubbliċi, li huma proprjetà sħiħa tal-Istat, u r-riżorsi tagħhom għalhekk huma riżorsi tal-Istat.

(128) Intrapriżi lokali oħra tad-distribuzzjoni, bħall-Electricité de Strasbourg, huma kumpaniji b'responsabbiltà limitata, li s-sehem maġġoritarju tagħhom jinżamm b'mod konġunt mill-EDF u/jew minn awtoritajiet muniċipali. Għalhekk dawn il-kumpaniji huma wkoll taħt il-kontroll tal-Istat.

(129) Finalment, minoranza żgħira tal-intrapriżi lokali tad-distribuzzjoni (20 minn 168) għandhom struttura ta' kooperattiva jew ta' kooperattiva agrikola tal-elettriku, u huwa diffiċli li jiġi ddeterminat jekk l-Istat jeżerċitax kontroll fuqhom.

(130) Meta jiġi kkunsidrat il-fatt li l-EDF tiddistribwixxi hija stess il-biċċa l-kbira (madwar 95 %) tal-volum totali ta' enerġija kkonċernata mit-tariffi standard u li maġġoranza kbira ħafna tad-distributuri l-oħra huma kkontrollati huma stess mill-Istat, il-Kummissjoni tqis li wieħed jista' jikkonkludi li l-ammonti kkonċernati jirrappreżentaw, mill-inqas kważi kollha kemm huma, riżorsi tal-Istat.

(131) Fir-rigward tal-intrapriżi lokali tad-distribuzzjoni, dawn spiss jixtru mingħand l-EDF l-elettriku li jiddistribwixxu bit-tariffi standard, permezz ta' sistema rregolata mill-Istat, imsejħa s-sistema tat-"tariffi ta' bejgħ tal-elettriku lid-distributuri mhux nazzjonalizzati". Permezz ta' din is-sistema, l-EDF hija soġġetta għall-obbligu li tipprovdi lill-intrapriżi lokali tad-distribuzzjoni l-kwantità ta' elettriku li jkollhom bżonn biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' forniment fi ħdan is-sistema tat-tariffi standard, għal prezz li jippermetti li jbiegħu l-elettriku bit-tariffa standard mingħajr ma jġarrbu telf. Għalhekk huwa permezz tar-riżorsi tal-EDF li jiġu ffinanzjati t-tariffi li joffru. Il-Kummissjoni tqis li, finalment, l-ammont totali ta' riżorsi involuti fis-sistema tat-tariffi standard ġejjin minn intrapriżi pubbliċi.

(132) Il-Kummissjoni ma tikkondividix l-opinjoni tal-awtoritajiet Franċiżi li skonthom it-tariffi ta' ritorn ma jwasslu għall-użu tal-ebda riżorsa baġitarja jew fiskali u ma tellfux lill-EDF milli tikseb riżultati pożittivi, lanqas li t-tariffi standard u ta' ritorn (ibbażati direttament fuq it-tariffi standard), li jirriflettu l-elementi fundamentali tas-suq tal-elettriku u l-ispejjeż tas-sistemi tal-ġenerazzjoni tal-EDF, jikkostitwixxu l-livell ġust tal-prezz tal-bejgħ tal-elettriku u għalhekk ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala telf għall-EDF. Huwa ċar li, mingħajr it-tariffi standard, il-prezzijiet li l-EDF kienet tapplika għall-klijenti li jibbenefikaw minn dawn it-tariffi kienu jqarrbu l-ogħla prezzijiet osservati fis-swieq mill-2004 'l quddiem, b'tali mod li t-telf għall-EDF u għall-intrapriżi lokali tad-distribuzzjoni jirrappreżenta telf għall-Istat Franċiż jew l-awtoritajiet pubbliċi li għandhom kontroll fuqhom.

(133) Għalhekk it-tariffi standard huma ffinanzjati minn riżorsi tal-Istat u huma imputabbli lill-Istat.

*Dwar it-tariffi ta' ritorn*

(134) It-tariffi ta' ritorn huma ffinanzjati mid-dħul ta' żewġ kontribuzzjonijiet imposti mill-Istat, kif spjegat fil-Premessi (35) u (36).

(135) B'applikazzjoni tal-prattika kostanti tal-Kummissjoni [1], li ssegwi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward [2], id-dħul li jirriżulta minn dan it-tip ta' kontribuzzjonijiet jikkostitwixxi riżorsi tal-Istat meta jiġu sodisfatti t-tliet kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) il-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu imposti mill-Istat; dan huwa l-każ hawnhekk peress li ż-żewġ kontribuzzjonijiet huma imposti mil-liġi Nru 2000-108;

(b) id-dħul mill-kontribuzzjonijiet għandu jitħallas lil korp maħtur mill-Istat; f'dan il-każ, l-Uffiċċju tad-depożiti u tal-kunsinni;

(c) id-dħul mill-kontribuzzjonijiet għandu jintuża għall-benefiċċju ta' ċerti intrapriżi, skont ir-regoli stabbiliti mill-Istat; hawnhekk ukoll dan huwa l-każ peress li d-dħul tal-kontribuzzjonijiet jintuża b'applikazzjoni tal-Liġi Nru 2000-108, sabiex jibbenefikaw finalment il-kategoriji ta' utenti speċifikati mill-Istat, sa punt li wkoll huwa stipulat minnu.

(136) Wara l-ġurisprudenza *Preussen Elektra*, invokata mill-awtoritajiet Franċiżi, fil-prassi deċiżjonali tagħha dwar it-tariffi tal-elettriku, il-Kummissjoni kellha teżamina l-eżistenza ta' kontribuzzjonijiet b'ammonti stabbiliti mill-Istat u imposti minnu, li jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' dawn it-tariffi. Bl-eżistenza ta' korp pubbliku ta' kontroll li minnu jgħaddu l-fondi, il-Kummissjoni setgħet tikkonkludi f'ċerti każijiet dwar l-eżistenza ta' riżorsi tal-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE [3] jew, għall-kuntrarju, dwar in-nuqqas ta' tali riżorsi b'mod partikolari minħabba li l-ammonti inkwistjoni ma kienu jgħaddu mill-ebda fond maħluq jew immexxi mill-Istat [4].

(137) F'dan il-każ, il-Kummissjoni, fid-dawl tal-prattika preċedenti tagħha, tqis għall-kuntrarju li l-mekkaniżmu ta' funzjonament tat-tariffi ta' ritorn, li r-regoli tiegħu huma stabbiliti mill-Istat, huwa marbut mill-qrib mal-użu ta' riżorsi pubbliċi. Il-kontribuzzjoni għas-servizz pubbliku tal-elettriku tista' titqabbel fil-prinċipju ma' taxxa stabbilita mill-Istat li tinġabar permezz tal-Uffiċċju tad-depożiti u tal-kunsinni, li huwa attur pubbliku, taħt il-kontroll tar-regolatur.

(138) It-tariffi ta' ritorn għalhekk huma ffinanzjati minn riżorsi tal-Istat.

*L-effett fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri*

(139) It-tariffi standard u ta' ritorn jikkostitwixxu sistemi ta' għajnuna, applikabbli għas-setturi kollha tal-ekonomija fi Franza, sakemm dawn jikkunsmaw l-elettriku. Eluf ta' intrapriżi li jibbenefikaw minn dawn it-tariffi fis-setturi

[1] Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ dwar l-għajnuna mill-Istat N 161/04 – Spejjeż mhux irkuprabbli fil-Portugall (ĠU C 250, 8.10.2005, p. 9), jew, aktar reċentement, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Każ C 24/09 (ex N 446/08), Għajnuna mill-Istat lill-impriżi li jużaw ħafna enerġija, l-Att dwar l-Enerġija Ekoloġika fl-Awstrija (ĠU L 235, 10.9.2011, p. 42).

[2] Sentenzi tal-Qorti tat-2 ta' Lulju 1974, *Italja* v. *Il-Kummissjoni* (173/73, Ġabra 1974 p. 709) u tat-22 ta' Marzu 1977, *Steinike* v. *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja* (78/76, Ġabra 1977, p. 595).

[3] Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-15 ta' Jannar 2002 Nru 826/01, L-Irlanda – Alternative Energy Ir-Rekwiżiti I to IV għal-Enerġija Alternattiva u Nru 553/01, Enerġija Rinnovabbli (ĠU C 59, 6.3.2002).

[4] Id-deċiżjoni tas-27 ta' Frar 2002 fil-Każ N 661/99, ir-Renju Unit – Competitive Transition Charge (ĠU C 45, 19.2.2002). L-ispiża inkrementali li tirriżulta mill-obbligu tax-xiri ta' elettriku rinnovabbli kienet iffinanzjata minn kontribuzzjoni msejħa "Competitive Transition Charge" imħallsa mill-konsumaturi skont il-konsum tagħhom u li l-ammont tagħha kien stabbilit minn regolatur pubbliku fuq livell ta' spiża inkrementali kkunsidrata, mingħajr korp pubbliku maħtur għall-ġestjoni tal-ammonti (ĠU C 113, 14.5.2002).

industrijali u tas-servizzi fi Franza joperaw fi swieq totalment miftuħa għall-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, li ma jkunux soġġetti għal drittijiet esklużivi jew għal restrizzjonijiet għall-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(140) Kif diġà ġie enfasizzat fid-Deċiżjonijiet tagħha tal-ftuħ u tal-estensjoni tal-proċedura ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni tqis li l-impatt fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri tas-sistemi inkwistjoni huwa evidenti peress li attivitajiet ekonomiċi li huma involuti fihom il-klijenti li jibbenefikaw mit-tariffi standard u ta' ritorn jirriżultaw f'kummerċ bejn l-Istati Membri.

*Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat*

(141) Il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tariffi standard sofor u ħodor u t-tariffi ta' ritorn sofor u ħodor jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE għall-operaturi ekonomiċi li jibbenefikaw minnhom.

## VII. IL-LEGALITÀ U L-KLASSIFIKAZZJONI TA' GĦAJNUNA ĠDIDA

(142) L-ebda waħda miż-żewġ sistemi ta' tariffi soġġetti għal din il-proċedura ma ġiet notifikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE qabel l-implimentazzjoni tagħha.

(143) Għalkemm it-tariffi rregolati standard ġew implimentati fl-1945 — u għalhekk qabel it-Trattat tal-KE — fl-istess żmien li twaqqfet l-EDF, u ġew applikati matul il-perjodu kollu tal-monopolju tal-elettriku fi Franza, dawn madankollu jikkostitwixxu għajnuna ġdida, u mhux għajnuna eżistenti qabel it-trattati. Fil-fatt, id-Deċiżjonijiet speċifiċi li biddlu l-livell tat-tariffi standard f'termini assoluti u f'termini relattivi, meta mqabbla ma' tariffi oħrajn kellhom frekwenza annwali. Barra minn hekk, id-Deċiżjonijiet annwali li jistabbilixxu l-livell tagħhom għandhom karattru diskrezzjonali u ma jittieħdux skont ir-regoli ta' qabel it-Trattat tal-KE. Fil-fatt, għalkemm il-prinċipji ġenerali tal-iffissar tat-tariffi rregolati msemmija fil-Premessa (21) kienu ġew ifformulati f'testi leġiżlattivi jew regolamentari applikabbli, li f'kwalunkwe każ ġew wara t-Trattat tal-KE, l-Opinjonijiet sussegwenti tal-KRE msemmija fil-Premessi (112) sa (114) juru li d-Deċiżjonijiet annwali li jistabbilixxu l-livell tat-tariffi mhux neċessarjament segwew raġunament ta' kopertura ta' spejjeż tal-provvista tal-elettriku.

(144) Konsegwentement, iż-żewġ sistemi ta' tariffi soġġetti għal din il-proċedura implimentata mingħajr notifika preċedenti huma illegali.

## VIII. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURI - IL-KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA

(145) Kif ikkonkludiet il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura tagħha, il-paragrafu 2 u l-paragrafu 3(a), (b) u (d) tal-Artikolu 107 tat-TFUE ma japplikawx f'dan il-każ.

(146) Bl-istess mod, il-Kummissjoni tkompli tqis li l-Artikolu 106(2) tat-TFUE dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ma jistax japplika, għall-kuntrarju ta' dak li jgħidu ċerti partijiet terzi interessati. Fil-fatt, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2003/54/KE ([1]), jillimita s-servizzi potenzjali ta' interess ekonomiku ġenerali għall-intrapriżi tas-settur tal-elettriku biss. F'dan il-każ, il-benefiċjarji tal-għajnuna mhumiex l-intrapriżi tas-settur tal-elettriku iżda l-intrapriżi klijenti, bl-ebda mod ma jissodisfaw servizz ta' interess ekonomiku ġenerali.

(147) L-unika bażi ta' kompatibbiltà tal-għajnuna inkwistjoni mas-suq intern jista' jkun l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, li jipprovdi li: "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern fejn tali għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa livell li jkun kuntrarju għall-interess komuni (…)".

(148) Fid-Deċiżjonijiet tagħha tal-ftuħ u ta' estensjoni tal-proċedura, il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna inkwistjoni ma setgħetx tiġi awtorizzata fid-dawl tal-linji gwida u l-oqfsa li jispjegaw l-applikazzjoni tagħha tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE. Fil-fatt, il-miżuri ta' għajnuna eżaminati f'din il-proċedura jikkonċernaw is-sistemi ta' tariffi rregolati li qatt ma kien hemm bħalhom fil-prattika tal-passat tal-Kummissjoni. Dawn huma applikabbli għal eluf ta' intrapriżi u simili għal sistemi ta' għajnuna ta' daqs inkomparabbli ma' dawk irregolati minn regoli li jirriżultaw mill-prattika tat-teħid ta' deċiżjonijiet individwali tal-passat jew ikkonsolidata fl-istrumenti jew l-oqfsa speċifiċi. Issa, f'oqsma mhux koperti mid-diversi strumenti dettaljati li jirregolaw l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna, wieħed ma jistax jeskludi li għajnuna tista' tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

(149) Taħt dawn il-kundizzjonijiet, jeħtieġ li jiġi eżaminat, b'kunsiderazzjoni wkoll tal-impenji ta' Franza fil-qafas ta' din il-proċedura, jekk l-għajnuna mill-Istat li hija soġġetta għal din il-proċedura tikkontribwixxix għal objettiv ta' interess komuni, jekk hix meħtieġa biex ittaffi nuqqas fis-suq u jekk, għal dan l-għan, hijiex proporzjonali u ma tbiddilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod kuntrarju għall-interess komuni.

([1]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55. L-Artikolu 3(2) jispeċifika li: "B'kunsiderazzjoni sħiħa lejn id-disposizzjonijiet relevanti tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu, l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq impriżi li jkunu qed jaħdmu fis-settur tal-elettriku, u fl-interess ekonomiku ġenerali, l-obbligi tas-servizz pubbliku li jistgħu jkunu marbuta mas-sigurtà, inkluża s-sigurtà tal-provvista, ir-regolarità, il-kwalità u l-prezz tal-provvisti u l-protezzjoni tal-ambjent, inklużi l-effiċjenza tal-enerġija u l-protezzjoni tal-klima. Tali obbligi għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, mhux diskriminatorji, verifikabbli, u għandhom jiggarantixxu l-ugwaljanza tal-aċċess lill-impriżi tal-elettriku tal-UE jkollhom għall-konsumaturi nazzjonali".

*Għan ta' interess komuni*

(150) Is-suċċess tal-liberalizzazzjoni sħiħa tas-swieq tal-elettriku huwa għan ta' interess komuni enfasizzat mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fl-attivitajiet u l-kompetenzi rispettivi tagħhom.

(151) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet, abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, il-leġittimità tal-għajnuna mill-Istat limitata fiż-żmien li għandha l-għan jew l-effett li takkumpanja u tiffaċilita s-suċċess effettiv tal-proċess ta' liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku meta l-forzi tas-suq waħedhom ma jkunux biżżejjed biex jilħqu dan, anke jekk konsegwentement dawn il-miżuri jistgħu jikkonċernaw l-operaturi storiċi b'pożizzjoni vantaġġuża fis-suq nazzjonali tagħhom [1]. Jeħtieġ ukoll li jiġi vverifikat jekk l-għajnuna inkwistjoni tistax tikkontribwixxi għal suċċess effettiv ta' din il-liberalizzazzjoni fejn il-benefiċjarji finali għandhom ikunu l-konsumaturi tal-elettriku.

(152) Fit-12 ta' Jannar 2012, l-awtoritajiet Franċiżi impenjaw ruħhom sabiex itemmu t-tariffi rregolati fl-2015, filwaqt li t-tariffi ta' ritorn diġà ġew eliminati f'Lulju tal-2011. Minħabba l-karattru tranżizzjonali tagħha u minn issa 'l quddiem ristrett f'termini ta' żmien, l-għajnuna mill-Istat tista' tiffaċilita tranżizzjoni gradwali lejn suq tassew kompetittiv taħt kundizzjonijiet meqjusa aċċettabbli, firrigward tas-sitwazzjoni prevalenti fi Franza qabel il-liberalizzazzjoni u, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tikkontribwixxi għal għan ta' interess komuni.

*Falliment tas-suq: il-ħtieġa għall-għajnuna*

(153) It-tariffi rregolati ġew applikati matul il-perjodu kollu tal-monopolju tal-ġenerazzjoni, tat-trasport u tad-distribuzzjoni tal-elettriku fi Franza. L-eżistenza u ż-żamma tagħhom wara l-liberalizzazzjoni totali tas-suq tal-elettriku, li seħħet fl-1 ta' Jannar 2004 għall-klijenti professjonali u fl-1 ta' Jannar 2007 għall-klijenti kollha, jikkonformaw mal-loġika ta' protezzjoni tal-konsumaturi li jkunu qed jiffaċċjaw id-dominanza ta' fornitur wieħed biss. Filwaqt li huma patrimonju eliminat gradwalment tal-perjodu tal-monopolju tal-EDF fi Franza, it-tariffi rregolati, fl-istruttura u l-livell tagħhom, isegwu l-għan li jiġi evitat li l-EDF tagħmel benefiċċji eċċezzjonali bl-użu ta' prattika ta' tariffa eċċessiva min-naħa ta' operatur li x'aktarx li żżomm parti konsiderevoli tas-suq bl-imnut għal perjodu twil wara l-liberalizzazzjoni. Madankollu, il-prevenzjoni mill-awtoritajiet Franċiżi ta' prattika ta' tariffi potenzjali abbużiva mill-EDF wasslet għal għajnuna favur il-konsumaturi Franċiżi tal-elettriku.

(154) Fil-fatt, minħabba l-istruttura partikolari tas-suq Franċiż spjegata fil-Premessi (48) sa (52), mal-liberalizzazzjoni l-EDF sabet ruħha f'sitwazzjoni ta' kważi monopolju li tatha libertà totali biex tistabbilixxi l-prezzijiet bl-imnut fis-suq Franċiż tal-elettriku. F'dan il-każ, limitazzjoni tal-libertà tal-iffissar tal-prezzijiet biż-żamma tal-mezzi regolamentari ex ante tista' tkun ġustifikata mis-sitwazzjoni u l-karatteristiċi tas-suq Franċiż.

(155) Meta jiġu kkunsidrati d-dimensjoni u l-karattru li ma jistax jiġi kkuppjat tal-vantaġġi kompetittivi li kien jagħti u li jagħti lil din l-intrapriża l-isfruttament tal-impjanti tal-ġenerazzjoni elettrika-nukleari spjegati aktar fid-dettall fil-Premessi (48) sa (50), kien ikun għalxejn li wieħed jittama li l-kompetizzjoni waħedha tal-operaturi l-ġodda tippermetti li jinħolqu l-aħjar kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fil-forniment ta' servizzi ta' provvista tal-elettriku. Mingħajr miżuri strutturali oħrajn, il-kontroll ex post ta' prattika potenzjali ta' prezzijiet abbużivi waħdu ma kienx ikun biżżejjed biex jiżgura l-aħjar funzjonament, inkluż għad-dħul ta' kompetituri ġodda. B'kuntrast, il-libertà assoluta tal-prattika ta' tariffi setgħet twassal biex tinżamm b'mod permanenti s-sitwazzjoni partikolari tal-EDF, li kienet ikollha riżorsi finanzjarji biżżejjed biex twarrab lill-kompetituri tagħha jew biex iżżomm introjtu li jippermettilha li tkabbar u tiddiversifika l-mezzi ta' ġenerazzjoni tagħha, fi Franza u bnadi oħra fis-suq intern.

(156) Barra minn hekk, dan il-falliment tas-suq għandu jiġi analizzat ukoll mill-perspettiva tal-benefiċjarji tal-għajnuna. Diversi intrapriżi, u b'mod partikolari l-akbar konsumaturi, ħadu d-deċiżjonijiet tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-investimenti f'tagħmir tqil, billi bbażaw ruħhom fuq spejjeż previsti tal-elettriku relatati ma' tariffi rregolati li jirriflettu essenzjalment l-ispejjeż medji tal-impjanti nukleari, u mhux fuq il-prezzijiet li jvarjaw skont il-prezzijiet tal-fjuwils fossili u tas-$CO_2$, li llum jiddeterminaw ħafna l-iffissar tal-prezzijiet fis-suq ħieles. Bidla f'salt minn sistema ta' prezzijiet għal oħra, li tinvolvi wkoll żieda netta medja, għalhekk setgħet toħloq diffikultajiet kbar għal diversi intrapriżi li l-kapital immobilizzat tagħhom f'tagħmir li juża l-elettriku ftit

[1] Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2001 dwar il-Metodoloġija għall-analiżi tal-għajnuna mill-Istat marbuta ma' spejjeż mhux rekuperabbli (adottata fis-26 ta' Lulju 2001, u kkomunikata lill-Istati Membri permezz tal-ittra SG (2001) D/290869 tas-6.8.2001), il-Kummissjoni ddikjarat:
"It-tranżizzjoni gradwali ta' sitwazzjoni fejn il-kompetizzjoni tkun ristretta ħafna għal sitwazzjoni ta' kompetizzjoni reali fil-livell Ewropew għandha ssir taħt kundizzjonijiet ekonomiċi aċċettabbli, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi speċifiċi tal-industrija tal-elettriku. (…)
L-għajnuna mill-Istat li tikkorrispondi għall-ispejjeż mhux rekuperabbli eliġibbli stabbliti f'din il-komunikazzjoni għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-progress tal-intrapriżi tal-elettriku lejn suq tal-elettriku kompetittiv. Il-Kummissjoni jista' jkollha attitudni favorevoli firrigward ta' din l-għajnuna safejn it-tgħawwiġ fil-kompetizzjoni tkun ibbilanċjata mill-kontribuzzjoni tagħhom għat-twettiq ta' għan Komunitarju li l-forzi tas-suq ma jistgħux jilħqu. Fil-fatt, it-tgħawwiġ fil-kompetizzjoni li jirriżulta mill-għajnuna mogħtija biex jiġi ffaċilitat il-progress tal-intrapriżi tal-elettriku f'suq pjuttost magħluq lejn suq parzjalment liberalizzat ma jistax ikun kuntrarju għall-interess komuni meta jkun limitat fiż-żmien u fl-effetti tiegħu, għaliex il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku huwa fl-interess ġenerali tas-suq komuni b'konformità mal-Artikolu 2 u 3(1)(t) tat-Trattat u jikkomplementa l-ħolqien ta' suq intern.".

huwa flessibbli fuq perjodu ta' żmien qasir. Perjodu ta' tranżizzjoni limitat b'mod ċar fiż-żmien ukoll jidher adegwat.

(157) L-għajnuna li tirriżulta mit-tariffi soġġetti għal din il-proċedura għalhekk tista' tiġi kkunsidrata, f'dan il-każ speċifiku, bħala meħtieġa biex ittaffi dan il-falliment fis-suq. Benefiċċji tad-diversifikazzjoni tal-offerta relatati mar-riforma tas-suq tal-elettriku fi Franza 'l isfel mill-attività tal-benefiċjarji tal-għajnuna jkunu jippermettu l-assigurazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital produttiv ta' dawn il-benefiċjarji mas-sinjali ta' prezzijiet tas-suq anqas imfixkla mis-sitwazzjoni dominanti tal-EDF, billi jtejbu l-kundizzjonijiet għall-iżvilupp tal-attivitajiet ekonomiċi li jeżerċitaw, li huwa l-għan tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

*Il-proporzjonalità tal-għajnuna*

(158) Fuq din l-istess bażi legali u taħt ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari l-limitazzjoni tal-għajnuna biż-żmien, l-għajnuna għall-funzjonament li tnaqqas l-ispejjeż attwali tal-enerġija għall-benefiċjarji, mingħajr kontroparti reali jew ta' inċentiv, hija meqjusa kompatibbli mas-suq intern fil-każ ta' tnaqqis tal-imposti fiskali fuq dawn l-ispejjeż meta n-nuqqas ta' għajnuna tista' tirriżulta f'żieda sinifikanti fl-ispejjeż tal-ġenerazzjoni tas-setturi kkonċernati ([1]).

(159) Kemm is-sistema ta' tariffi standard kif ukoll it-tariffi ta' ritorn, mill-perjodu kopert minn din il-proċedura kellhom żidiet kontinwi, anke meta l-prezzijiet tas-suq naqsu mill-2009. Kif juru r-riflessjonijiet tal-KRE spjegati fil-Premessi (113) u (114), dan il-moviment ġenerali ta' żieda huwa wkoll relatat, b'mod aktar immirat mill-2009, mat-tnaqqis tan-numru ta' siti ta' konsum li jibbenefikaw mill-akbar vantaġġi meta mqabbla mal-prezzijiet tas-suq.

(160) B'konformità mal-iskambju ta' ittri tal-15 ta' Settembru 2009, it-tranżizzjoni se ssir gradwalment sal-2015. Barra minn hekk, l-impenji ta' Franza fir-rigward tal-iffriżar tal-prezz tal-aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali fl-2012 u l-2013 u l-iffissar tiegħu b'konformità mal-parametri previsti mil-liġi Nru 2010-1488 li torganizza s-suq tal-elettriku mill-ġdid minn naħa, u min-naħa l-oħra, iż-żieda fit-tariffi rregolati sena wara sena sal-2015, imbagħad l-eliminazzjoni tagħhom, jippermettu li jiġi żgurat, f'perspettiva raġonevoli, l-insegwiment tal-konverġenza mal-prezzijiet tas-suq jew, fi kwalunkwe każ, iż-żieda gradwali tagħhom.

(161) Sistema li tiżgura żieda gradwali u kontinwa mbagħad l-eliminazzjoni tat-tariffi tiffaċilita t-tranżizzjoni lejn prezzijiet tas-suq f'sistema fejn il-fallimenti tagħha ttaffew permezz ta' strument impost bil-leġiżlazzjoni li jiffavorixxi l-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva b'aċċess għal provvisti mill-impjanti tal-EDF. L-għajnuna b'ammont li jonqos bil-mod li tippermetti lill-intrapriżi li jibbenefikaw minnha jadattaw l-għodda produttivi tagħhom, li jkunu mdaqqsa skont il-prezzijiet li jirriżultaw mit-tariffi rregolati, għall-kundizzjonijiet ġodda tas-suq, tista' tkun ikkunsidrata bħala proporzjonali.

(162) Taħt dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi dwar il-karattru proporzjonali tal-għajnuna li tirriżulta mill-eżistenza tat-tariffi soġġetti għal din il-proċedura.

*L-effett fuq il-kummerċ kuntrarju għall-interess komuni*

(163) Il-miżuri inkwistjoni jikkonċernaw mijiet ta' eluf ta' siti ta' konsum tal-elettriku u konsegwentement eluf ta' benefiċjarji li jiġu pprovduti bit-tariffi standard u ta' ritorn, f'kuntest ta' tranżizzjoni lejn suq kompletament liberalizzat. Għalkemm hija selettiva skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, peress li hija riservata biss għall-intrapriżi li jikkunsmaw l-elettriku, l-għajnuna soġġetta għal din il-proċedura bl-ebda mod mhi mmirata lejn benefiċjarji partikolari, jiġifieri setturi partikolari tal-ekonomija. Miżuri li ftit ikunu mmirati lejn il-kategoriji ta' benefiċjarji bħal dawk inkwistjoni jistgħu jkunu inqas restrittivi fuq il-kompetizzjoni minn miżuri aktar selettivi.

(164) Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-kundizzjonijiet stabbiliti waqt l-iskambju ta' ittri bejn il-Kummissjoni u Franza f'Settembru 2009 u f'Jannar 2012 ġew osservati. Iż-żewġ punti essenzjali, jiġifieri l-implimentazzjoni ta' riforma bir-reqqa tas-suq tal-elettriku fi Franza b'mod partikolari b'aċċess irregolat għall-elettriku nukleari tradizzjonali għall-kompetituri tal-EDF u t-tmiem tat-tariffi rregolati ħodor u sofor, huma stabbiliti fil-Liġi Nru 2010-1488.

(165) Mill-prattika ta' teħid ta' deċiżjonijiet reċenti tagħha fil-qasam tal-enerġija jirriżulta li, fuq il-bażi legali tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, il-Kummissjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni benefiċċji f'termini ta' titjib fil-kompetizzjoni f'suq separat minn dak fejn joperaw il-benefiċjarji tal-għajnuna biex tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tagħha ([2]). F'dan il-każ, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-benefiċċji prevedibbli fis-suq tal-provvista tal-elettriku li jirriżultaw mill-impenji ta' Franza matul din il-proċedura

(166) L-ewwel riżultati tal-punti tax-xiri tal-elettriku permezz tal-aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali juru domanda qrib is-60 TWh. B'kollox, 32 fornitur alternattiv kellhom aċċess irregolat għall-elettriku nukleari tradizzjonali u d-domandi tagħhom ġew sodisfatti bis-sħiħ. Meta jitqiesu l-karatteristiċi strutturali tas-suq tal-provvista tal-elettriku fi Franza deskritti fil-Premessi (48) sa (52), dawn l-ewwel riżultati juru l-ftuħ progressiv li jippermetti kompetizzjoni li ma setgħetx tiżviluppa mingħajr l-impenji li ttieħdu minn Franza fir-rigward tal-aċċess għall-enerġija nukleari storika, li tista' tilħaq sa madwar 25 % tal-ġenerazzjoni tal-EDF. L-ebda fornitur alternattiv ma seta' jagħmel użu minn mezzi ta'

([1]) Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent (ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1), Kap. IV, il-Punti 153-154.

([2]) SA.31953 (11/N) – Il-bini ta' terminal tal-LNG fi Świnoujsciu (ĠU C 361, 10.12.2011), SA.30980 (11/N) Il-bini ta' kejbils tal-elettriku ta' interkonnessjoni u transkonfinali bejn il-Polonja u l-Litwanja (ĠU C 79, 12.3.2011), SA.29870 (N 660/09) Għajnuna lil PGNiG għall-ħżin tal-gass taħt l-art (ĠU C 213, 6.8.2010).

ġenerazzjoni tal-istess daqs bħal dawk tal-operatur storiku fi żmien daqshekk qasir. L-impenn addizzjonali ta' Franza fir-rigward tal-iffriżar tal-prezz tal-aċċess irregolat għall-elettriku nukleari tradizzjonali sad-dħul fis-seħħ tad-Digriet li jistabbilixxi l-metodu ta' kalkolu ta' dan il-prezz u b'hekk it-tnaqqis prevedibbli tiegħu f'termini reali, għandu jaċċellera dan il-moviment lejn suq aktar kompetittiv. Fir-rigward tal-perjodu ulterjuri, kif ġie nnutat fl-ittra tal-Kummissarji responsabbli mill-kompetizzjoni u mill-enerġija tal-15 ta' Settembru 2009, il-metodi tekniċi previsti għal dan l-aċċess irregolat ikunu deċiżivi minn diversi aspetti. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit li l-miżura li tistipula l-metodu ta' kalkolu biex jiġi ffissat il-prezz tal-aċċess irregolat tiġi sottomessa lill-Kummissjoni fl-istadju tal-ippjanar bl-għan li tiġi approvata minn qabel. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tivverifika b'mod partikolari li l-metodu inkwistjoni huwa oġġettiv, huwa bbażat fuq prinċipji kontabbli ġeneralment rikonoxxuti u stabbiliti u jwassal għall-iffissar ta' prezzijiet li jippermettu l-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq.

(167) Il-Kummissjoni tqis li r-riforma implimentata mil-Liġi Nru 2010-1488 se jkollha impatt favorevoli fuq is-suq intern Ewropew, peress li din tippromwovi d-dħul ta' kompetituri ġodda u ż-żamma ta' dawk li huma attivi. L-aċċess irregolat għall-enerġija nukleari b'limitu konsegwenti ta' 100 Twh għandu jikkontribwixxi, b'mod simultanju mal-għaqda gradwali tas-swieq fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-iżvilupp tal-interkonnessjonijiet, għall-iżvilupp tal-kompetizzjoni li twassal għal pressjoni fuq il-prezzijiet fi Franza u fl-Istati Membri l-oħrajn.

(168) Fil-qosor, il-vantaġġi għas-suq tal-provvista tal-elettriku li l-liberalizzazzjoni b'suċċess tagħha hija prijorità għas-suq intern tal-Unjoni, ipattu għall-effetti ċertament negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri iżda li madankollu huma limitati meta jitqies il-karattru ftit selettiv tal-miżura identifikata fil-Premessi (101) sa (106) u (139) sa (140). Għalhekk, l-għajnuna mill-Istat preżenti fit-tariffi standard u ta' ritorn mhix ta' ħsara għall-kummerċ b'mod kuntrarju għall-interess komuni tal-Unjoni u allura tosserva l-kriterju previst fl-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

## IX. **KONKLUŻJONIJIET**

Il-Kummissjoni tiddikjara li Franza implimentat l-għajnuna inkwistjoni illegalment bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Madankollu, meta jiġi kkunsidrat il-fatt li din l-għajnuna kienet waħda tranżizzjonali relatata mal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku fi Franza u li kienet akkumpanjata minn impenji ta' riforma bir-reqqa tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq Franċiż tal-provvista tal-elettriku, il-Kummissjoni tqis li din ma kkawżatx u ma tikkawżax danni lill-kummerċ sa punt li huwa kuntrarju għall-interess komuni skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE sakemm jiġu osservati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 1 sa 4.

A ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżura ta' għajnuna implimentata minn Franza permezz tat-tariffi rregolati tal-bejgħ tal-elettriku (tariffi msejħa "ħodor u "sofor") u tat-tariffi rregolati tranżitorji tal-aġġustament tas-suq għall-konsumaturi kbar u medji hija kompatibbli mas-suq intern, taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 2.

*Artikolu 2*

Franza implimentat sistema ta' aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali prodotta mill-impjanti eżistenti, li tikkonsisti fl-obbligu għall-intrapriża Electricité de France, għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2025, li tbiegħ lill-kompetituri tagħha fis-suq tal-imnut tal-elettriku, parti mill-ġenerazzjoni tagħha ta' elettriku miksub mill-enerġija nukleari b'limitu massimu ta' 100 TWh, għal prezz irregolat. Il-prezz tal-aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali għandu jerġa' jiġi eżaminat kull sena u għandu jirrifletti l-kundizzjonijiet ekonomiċi tal-ġenerazzjoni tal-elettriku matul il-perjodu tas-sistema. Il-livell tal-prezz tal-aċċess irregolat għall-enerġija nukleari tradizzjonali ma jistax jaqbeż it-EUR 42 għal kull MWh u ma għandux jinbidel sakemm tkun daħlet fis-seħħ miżura li tistipula l-metodu ta' kalkolu biex jiġi stabblit. Din il-miżura se tkun sottomessa lill-Kummissjoni fl-istadju ta' ppjanar bl-għan li tiġi approvata minn qabel.

Franza għandha twaqqaf kull għajnuna mill-Istat li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' tariffi rregolati tranżitorji tal-aġġustament tas-suq għall-konsumaturi kbar u medji li jista' jkun fadal u ma għandha timplimenta l-ebda sistema ekwivalenti.

Id-deċiżjonijiet li ttieħdu minn Franza wara s-sajf tal-2012 dwar it-tariffi rregolati jippermettu li titnaqqas bil-mod, meta mqabbla mal-2012, u sussegwentement kull sena meta mqabbla mas-sena preċedenti, id-diskrepanza bejn it-total tal-ispejjeż u t-tariffa rregolata;

Franza għandha twaqqaf kull għajnuna mill-Istat li tirriżulta mill-applikazzjoni tat-tariffi rregolati tal-elettriku mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015 għall-konsumaturi kbar u medji u ma għandha timplimenta l-ebda sistema ekwivalenti.

*Artikolu 3*

Franza għandha tinforma lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, dwar il-miżuri li ttieħdu jew previsti biex tinkiseb konformità.

*Artikolu 4*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2012.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Viċi President*

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Sejħa għal proposti EAC/S01/13 – Programm Żgħażagħ fl-Azzjoni 2007-2013

(2012/C 398/06)

**INTRODUZZJONI**

Din is-sejħa għal proposti hi bbażata fuq id-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006, li tistabbilixxi l-Programm Żgħażagħ fl-Azzjoni mill-perjodu 2007 sal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "Żgħażagħ fl-Azzjoni". Il-kundizzjonijiet iddettaljati ta' din is-sejħa ta' proposti jinstabu fil-Gwida tal-Programm tal-Programm Żgħażagħ fl-Azzjoni (2007-2013) ippubblikata fil-websajt Europa (ara l-punt VIII). Il-Gwida tal-Programm tikkostitwixxi parti integrali ta' din is-sejħa għal proposti.

I. **Għanijiet u prijoritajiet**

L-għanijiet ġenerali ddikjarati fid-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm Żgħażagħ fl-Azzjoni huma dawn li ġejjin:

— il-promozzjoni b'mod ġenerali ta' ċittadinanza attiva taż-żgħażagħ u taċ-ċittadinanza Ewropea tagħhom b'mod partikolari;

— l-iżvilupp tas-solidarjetà u l-promozzjoni tat-tolleranza fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari sabiex tiġi inkoraġġuta l-koeżjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea;

— l-inkoraġġiment għal komprensjoni reċiproka bejn iż-żgħażagħ f'pajjiżi differenti;

— il-kontribuzzjoni biex tiġi żviluppata l-kwalità ta' sistemi ta' appoġġ għall-attivitajiet taż-żgħażagħ u l-kapaċitajiet ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-qasam taż-żgħażagħ;

— il-promozzjoni ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ.

Dawn l-għanijiet ġenerali għandhom jiġu implimentati fuq il-livell ta' proġett billi jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet permanenti li ġejjin:

— iċ-ċittadinanza Ewropea

— Il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ

— Id-diversità kulturali

— l-inklużjoni ta' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet

Minbarra l-prijoritajiet permanenti msemmija hawn fuq, jistgħu jiġu stabbiliti prijoritajiet annwali għall-Programm Żgħażagħ fl-Azzjoni u dawn jiġu kkomunikati permezz tal-websajts tal-Kummissjoni, tal-Aġenzija Eżekuttiva u tal-Aġenziji Nazzjonali.

Għall-2013, il-prijoritajiet annwali huma dawn li ġejjin:

— proġetti li jipproponu attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE u l-jeddijiet marbutin magħha, fil-kuntest tas-sena Ewropea taċ-ċittadini;

([1]) ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30.

— proġetti mmirati li jheġġu l-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2014, u għalhekk jippermettu liż-żgħażagħ biex iġibu ruħhom bħala ċittadini attivi u infurmati;

— proġetti li jittrattaw il-kwistjoni tal-qgħad taż-żgħażagħ kif ukoll proġetti mmirati biex jistimolaw il-mobbiltà taż-żgħażagħ qiegħda u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà;

— proġetti li jindirizzaw il-kwistjoni tal-faqar u l-marġinalizzazzjoni u l-inkoraġġiment tal-kuxjenza taż-żgħażagħ u l-impenn sabiex jiġu ttrattati dawn il-kwistjonijiet għal soċjetà aktar inklużiva. F'dan il-kuntest, għandha tingħata enfasi speċjali b'mod partikolari lill-inklużjoni ta' żgħażagħ migranti, żgħażagħ b'diżabilità, u fejn rilevanti ż-żgħażagħ Roma;

— proġetti li jistimulaw fiż-żgħażagħ l-ispirtu ta' inizjattiva, il-kreattività u l-intraprenditorija, l-impjegabilità, b 'mod partikolari permezz ta' inizjattivi taż-żgħażagħ;

— proġetti li jippromwovu drawwiet tajbin għas-saħħa, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-prattika ta' attivitajiet fil-beraħ u tal-isport fl-iktar livelli bażiċi, bħala mezz għall-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, kif ukoll biex titrawwem l-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fis-soċjetà.

II. **L-istruttura tal-Programm Żgħażagħ fl-Azzjoni**

Sabiex jilħaq l-għanijiet tiegħu, il-Programm Żgħażagħ fl-Azzjoni jipprevedi ħames azzjonijiet operattivi.

Din is-sejħa għal proposta tikkonċerna s-sostenn għall-Azzjonijiet u Sottoazzjonijiet li ġejjin elenkati hawn taħt:

***Azzjoni 1 – Żgħażagħ għall-Ewropa***

— *Sottoazzjoni 1.1* – Skambji ta' Żgħażagħ (li jdumu sa 15-il xahar): L-Iskambji taż-Żgħażagħ joffru opportunità għal gruppi ta' żgħażagħ minn pajjiżi differenti biex jiltaqgħu u jitgħallmu dwar il-kulturi ta' xulxin. Il-gruppi jippjanaw flimkien l-Iskambju taż-Żgħażagħ tagħhom madwar tema ta' interess reċiproku.

— *Sottoazzjoni 1.2* – Inizjattivi għaż-Żgħażagħ (li jdumu minn tliet xhur sa 18-il xahar): L-Inizjattivi taż-Żgħażagħ isostnu proġetti ta' gruppi mfassla fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Tappoġġja wkoll in-networking ta' proġetti simili bejn pajjiżi differenti, sabiex jissaħħaħ l-aspett Ewropew tagħhom u titkabbar il-kooperazzjoni u l-iskambji tal-esperjenzi bejn iż-żgħażagħ.

— *Sottoazzjoni 1.3* – Proġetti Żgħażagħ u Demokrazija (li jdumu minn tliet xhur sa 18-il xahar): Il-Proġetti Żgħażagħ u Demokrazija jsostnu l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika tal-komunità lokali, reġjonali jew nazzjonali tagħhom u fuq livell internazzjonali.

***Azzjoni 2 – Servizz ta' Volontarjat Ewropew***

L-Azzjoni ssostni l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'forom varji ta' attivitajiet ta' volontarjat, kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni Ewropew. Taħt din l-Azzjoni, iż-żgħażagħ jieħdu sehem individwalment jew fi gruppi, f'attivitajiet bla ħlas barra pajjiżhom, li ma għandhomx skop ta' qligħ (li jdumu sa 24 xahar).

***Azzjoni 3 – Iż-Żgħażagħ fid-Dinja***

— *Sottoazzjoni 3.1* – Kooperazzjoni mal-Pajjiżi Ġirien tal-Unjoni Ewropea (li ddum sa 15-il xahar): din is-sottoazzjoni ssostni proġetti ma' Pajjiżi Msieħba Ġirien, prinċipalment Proġetti ta' Skambji ta' Żgħażagħ u ta' Netwerking fil-qasam taż-żgħażagħ.

***Azzjoni 4 – Sistemi ta' Appoġġ għaż-Żgħażagħ***

— *Sottoazzjoni 4.3* – It-Taħriġ u n-Netwerking ta' dawk attivi fix-xogħol u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ (li jdumu minn tliet xhur sa 18-il xahar): din is-sottoazzjoni ssostni b'mod partikolari kemm l-iskambju tal-esperjenzi, il-kompetenzi u l-prattiki tajba kif ukoll l-attivitajiet li jistgħu jwasslu għal proġetti ta' kwalità li jdumu fit-tul, għal partenarjati u netwerks.

***Azzjoni 5 – L-appoġġ għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ***

— *Sottoazzjoni 5.1* – Laqgħat taż-żgħażagħ u ta' dawk responsabbli mill-politika taż-żgħażagħ (li jdumu minn tliet xhur sa disa' xhur): din is-Sottoazzjoni tappoġġa l-kooperazzjoni, seminars u strutturi ta' djalogu bejn iż-żgħażagħ, dawk attivi fix-xogħol taż-żgħażagħ u dawk responsabbli mill-politika taż-żgħażagħ

III. **Applikanti eliġibbli**

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu minn:

— organizzazzonijiet volontarji u mhux governattivi

— entitajiet pubbliċi lokali u reġjonali

— gruppi informali ta' żgħażagħ

— entitajiet attivi fil-livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ

— organizzazzjonijiet volontarji internazzjonali

— organizzazzjonijiet mhux volontarji li jorganizzaw avveniment fil-qasam taż-żgħażagħ, l-isport jew il-kultura.

L-applikanti għandhom ikunu stabbiliti legalment f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm jew f'Pajjiżi Ġirien Imsieħba fis-Sħubija tal-Lvant jew fil-Balkani tal-Punent.

Xi Azzjonijiet tal-Programm huma madankollu mmirati lejn firxa aktar limitata ta' promoturi. L-eliġibilità ta' promoturi applikanti hi għalhekk iddefinita fil-Gwida tal-Programm speċifikament għal kull Azzjoni/Sotto-azzjoni.

IV. **Pajjiżi eliġibbli**

Il-Programm miftuħ għall-pajjiżi li ġejjin:

(a) l-Istati Membri tal-UE;

(b) l-Istati tal-EFTA li huma membri tal-Ftehim taż-ŻEE, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim (l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja);

(c) il-pajjiżi kandidati li jgawdu minn strateġija ta' qabel is-sħubija, skont il-prinċipji ġenerali u l-kundizz-jonijiet u l-arranġamenti ġenerali ddefiniti fil-ftehimiet ta' qafas konklużi ma' dawn il-pajjiżi għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni Ewropea (it-Turkija u l-Kroazja);

(d) l-Isvizzera;

(e) il-pajjiżi terzi li ffirmaw ftehimiet mal-Unjoni Ewropea rilevanti għall-qasam taż-żgħażagħ.

Xi Azzjonijiet tal-Programm huma madankollu mmirati lejn firxa aktar limitata ta' pajjiżi. L-eliġibilità tal-pajjiżi hi għalhekk iddefinita fil-Gwida tal-Programm speċifikament għal kull Azzjoni/Sottoazzjoni.

V. **Kriterji għall-għoti**

(i) Sottoazzjonijiet 1.1, 1.2, 3.1, 4.3 u l-Azzjoni 2:

— ir-rilevanza għall-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Programm (30 %)

— il-kwalità tal-proġett u l-metodi proposti (50 %)

— il-profil tal-parteċipanti u tal-promoturi (20 %)

(ii) Sottoazzjoni 1.3

— ir-rilevanza għall-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Programm (30 %)

— il-kwalità tal-kunċett tematiku (20 %)

— il-kwalità tal-proġett u l-metodi proposti (30 %)

— il-profil u l-għadd ta' parteċipanti u ta' promoturi (20 %)

(iii) Sottoazzjoni 5.1

— ir-rilevanza għall-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Programm (20 %)

— ir-rilevanza għall-għanijiet tal-politika tal-UE dwar iż-żgħażagħ (20 %)

— il-kwalità tal-proġett u l-metodi proposti (40 %)

— il-profil u l-għadd ta' parteċipanti u ta' promoturi (20 %)

## VI. **Baġit u Tul ta' Żmien**

Il-Programm għandu baġit totali ta' EUR 885 miljun għall-perjodu 2007-2013. Il-baġit annwali huwa soġġett għal deċiżjoni mill-awtoritajiet baġitarji.

**Baġit previst għall-2013 għall-Azzjonijiet u s-Sottoazzjonijiet li ġejjin**

| | | |
|---|---|---|
| Sottoazzjoni 1.1 | Skambji taż-Żgħażagħ | 39 691 270 |
| Sottoazzjoni 1.2 | Inizjattivi taż-Żgħażagħ | 14 794 500 |
| Sottoazzjoni 1.3 | Proġetti Żgħażagħ u Demokrazija | 9 151 000 |
| Azzjoni 2 | Servizz Volontarju Ewropew | 70 156 580 |
| Sottoazzjoni 3.1 | Kooperazzjoni mal-Pajjiżi Ġirien tal-Unjoni Ewropea | 14 082 560 |
| Sottoazzjoni 4.3 | Taħriġ u netwerking ta' dawk attivi fil-ħidma u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ | 21 749 750 |
| Sottoazzjoni 5.1 | Laqgħat ta' żgħażagħ u dawk responsabbli mill-politika taż-żgħażagħ | 9 539 340 |

## VII. **L-iskadenzi għall-applikazzjonijiet**

L-applikazzjoni għandha tintbagħat fil-limitu taż-żmien li jikkorrispondi mad-data ta' bidu tal-proġett. Għal proġetti li jintbagħtu lill-Aġenzija Nazzjoni hemm tliet *skadenzi ta' żmien* fis-sena għall-applikazzjoni.

| Proġetti li jibdew bejn | Skadenza għall-applikazzjoni |
|---|---|
| L-1 ta' Mejju u l-31 ta' Ottubru | l-1 ta' Frar |
| L-1 ta' Awwissu u l-31 ta' Jannar | l-1 ta' Mejju |
| L-1 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju | l-1 ta' Ottubru |

Għal proġetti li jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva hemm tliet limiti ta' żmien fis-sena għall-applikazzjoni.

| Proġetti li jibdew bejn | Skadenza għall-applikazzjoni |
|---|---|
| L-1 ta' Awwissu u l-31 ta' Diċembru | l-1 ta' Frar |
| L-1 ta' Diċembru u l-30 ta' April | il-3 ta' Ġunju |
| L-1 ta' Marzu u l-31 ta' Lulju | il-3 ta' Settembru |

## VIII. **Aktar Tagħrif**

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb fil-Gwida għall-Programm Żgħażagħ fl-Azzjoni fil-websajts li ġejjin:

http://ec.europa.eu/youth

http://eacea.ec.europa.eu/youth/index_en.htm

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.6788 – Goldman Sachs/TPG/Barclays/Kew Green)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 398/07)

1. Fit-13 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża Goldman Sachs Group, Inc. ("Goldman Sachs", l-Istati Uniti), TPG Lundy Co L.P. ("TPG", Cayman Islands), ikkontrollata finalment minn TPG group of Funds ("TPG Funds", l-Istati Uniti) u Barclays plc ("Barclays", ir-Renju Unit) jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-impriża Kew Green Holding Limited ("Kew Green", ir-Renju Unit permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Goldman Sachs: kumpanija ta' investiment globali li toffri varjetà kbira ta' servizzi mad- dinja kollha lill-bażi ta' klijentela diversifikata,

— TPG: kumpanija ta' investiment globali li toffri varjetà kbira ta' servizzi mad-dinja kollha lill-bażi ta' klijentela diversifikata,

— Fondi tat-TPG: Portafoll ta' fondi li jgħaqqad u jiġġestjona flimkien il-fondi kkontrollati varji tat-TPG,

— Barclays: fornitur ta' servizzi finanzjarji globali ewlieni impenjat fis-setturi bankarji kollha,

— Il-Kew Green: hija s-sid u l-operatur ta' lukandi fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6788 – Goldman Sachs/TPG/Barclays/Kew Green, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6777 – Yazaki Europe/S-Y Systems Technologies Europe)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 398/08)

1. Fl-14 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha Yazaki Europe Limited ("YEL", ir-Renju Unit), li tappartjeni għal Yazaki Corporation ("YC", il-Ġappun), takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' S-Y Systems Technology Europe GmbH ("S-YST", il-Ġermanja), permezz tax-xiri ta' ishma. S-YST bħalissa hija kkontrollata b'mod konġunt minn YC u Continental Automotive GmbH.

2. L-impriżi kkonċernati, YEL u S-YST, huma attivi fl-iżvilupp u l-bejgħ ta' sistemi ta' distribuzzjoni elettriċi awtomotivi (insulazzjonijiet tal-kablaġġ).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6777 – Yazaki Europe/S-Y Systems Technologies Europe, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
(2) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT